# PROFIL BIBLIKU TA' SATANA U D-DEMONJI TIEGĦU

Minn
George Ebejer

## INDIĊI


**Titlu** **Paġna**

Profil Bibliku Ta' Satana …….………..……….. 4

**L-Ewwel Parti**:

Satana u d-Demonji tiegħu …..……………..…… 5

Demonji: Superstituzzjoni Antika Jew Realtà Storika? ………………………………..… 5

L-Oriġini tad-Demonji ……………………...…… 8

In-Natura u l-Karattru tad-Demonji …………… 11

L-Effetti tal-Ħakma tad-Demonji ……………..…… 12

L-Iskop Divin F'li Jħalli l-Ħakma tad-Demonju/i ……………………….………… 14

Każi fil-Vanġeli Fejn Ġesù Keċċa d-Demonji ... 17

Kuntrast mal-Paganiżmu ………………….... 17

Ħakma tad-Demonju Llum? …………………… 18

**It-Tieni Parti:**

Il-Manija Moderna Ta' l-Eżorċiżmu …………….. 20

Argument Raġjunevoli ……………………..… 23

Konklużjoni …………………………….…….. 26

Riferenzi …………………………………….. 26

**It-Tielet Parti**

Il-Bibbja u l-Eżorċiżmu …….…………………….29

Falliment ……………………………………. 31

Xi Każi Bibliċi Ta' Possessjoni tad-Demonji …. 32

Mistoqsija ……………………………………… 34

Vittorja Fuq is-Salib ………………………….... 34

X'Inhu x-Xogħol tax-Xitan? ……………..…… 37

Xi Ngħidu Dwar Illum? …………………….... 38

Xi Mistoqsijiet u Tweġibiet Dwar id-Demonoloġija u l-Eżorċiżmu …………………………39

Kif "Teżorċità" d-Dnub Minn Ħajtek ............ 42
**Ir-Raba' Parti**
Satana ................................................ 44
Il-Ħafna Ismijiet Ta' Satana ...................... 50
**Il-Ħames Parti**
Is-Setgħa Ta' Satana .................................. 53
Xi Ngħidu Dwar Satana? .............................. 54
**Is-Sitt Parti**
Satana Diġa' Tilef il-Gwerra Tiegħu Kontra Alla .. 57
Il-Passat Tiegħu .......................................... 58
Alla Ħalaq lil Satana ................................ 58
Kien Satana Maħluq Tajjeb jew Ħażin? ....... 58
Indikazzjonijiet tal-Waqa' ta' Satana .......... 59
Ix-Xitan Mhuwiex "Luċifru" .................. 59
Satana Diġa' Tilef il-Gwerra Tiegħu Kontra Alla ........................................... 63
Rebbiet Storiċi Ta' Satana .................... 63
Telfiet Maġġuri Ta' Satana fil-Bibbja ....... 63
Satana Kien Marbut Minn Kristu ............ 64
Ix-Xitan u d-Demonji Jafu li Alla Rebaħ u li Huma Kkundanati ................................ 64
Nies Diżubbidjenti Jbatu l-Istess Destin bħax-Xitan ........................................... 65
Konklużjoni .......................................... 66
Il-Preżent Tiegħu .................................... 66
Il-Futur Tiegħu ....................................... 68
**Is-Seba' Parti**
Aħna Ninsabu Fi Gwerra Spiritwali ................ 69
**It-Tmien Parti**
Veduti Differenti Dwar id-Demonju u l-Possess-

joni tad-Demonji ……………………………..… 79
Introduzzjoni ……………………………..…. 79
Veduti Differenti Dwar l-Oriġini td-Demonji …. 81
It-Teorija Ta' Possessjoni tad-Demonji Analizata …………………………………..…… 82
It-Teorija Mitika ………………………..…82
It-Teorija Ta' Konvenjenza (Veduta Christa-Delphians ………………………………… 83
It-Teorija Ta' Allucinazzjoni ………….….. 86
It-Teorija Lettterali ……………………..…86
Id-Demonji Huma Aktar Minn Sempliċiment "Personifikazzjoni tal-Ħażen u/jew Mard Fiżiku……………………………..…86
B'dan il-Mod il-Christadelphians Qegħdin Isejħu lil Ġesù Għalliema Falz …………...87
Katalogu Ta' Possessjoni tad-Demonju fil-Bibbja …………………………………...90
Kif id-Demonji Jeffettwaw lill-Bnedmin ….... 91
Tkeċċija tad-Demonji …………………….. 92
Possessjoni tad-Demonji M'Għandiex tkun Ta' Min Jibża' Minnha Llum …………….. 94
Xi Nies Reliġjużi Juru Eżempji Moderni Ta' Possessjoni tad-Demonji ……………... 95
Raġel Li Qarraq Bħala Li Kien Ippossessat mid-Demonju Ikkonvinċa lil Kulħadd Barra mill-Istudent tal-Bibbja ………..…. 96
Dottrina Falza Għandha l-Oriġini Tagħha fid-Demonji ……………………………....100
**Id-Disa' Parti**
Għexu l-Anġli Flimkien Bħala Miżżewġin Ma'

Nisa? (Ġenesi 6:2) ................................ 101

# PROFIL BIBLIKU TA' SATANA

Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, twissina:

**Kolossin 2:8** – "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.*"

**Efesin 5:6** – "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux.*"

**2 Tessalonikin 2:3** - "*Tħallux 'il min iqarraq bikom, **b'ebda mod!**...*"

**2 Tessalonikin 2:9-10** – "*Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz, u jinqeda b'kull xorta ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw ruħhom.*"

**2 Korintin 11:12-15** – "*Dak li qiegħed nagħmel, nibqa' nagħmlu, sabiex naqta' l-okkażjoni lil dawk li qegħdin ifittxu okkażjoni biex f'dak li huma jiftaħru fih jinstabu bħalma aħna aħna. Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. Mhix ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek*

*bħa-llikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiem-hom ikun skond għemilhom.*"

Mela ħalli nżommu dawn it-twissijiet kollha f'moħħna hekk kif aħna nibdew l-istudju tagħna.

# SATANA U D-DEMONJI TIEGĦU
## (L-ewwel Parti)

# DEMONJI: SUPERSTIZZJONI ANTIKA JEW REALTÀ STORIKA?

Kif wieħed jibda qari bl-attenzjoni tat-Testment il-Ġdid, huwa jsib fenomena mhux tas-soltu magħrufa bħala "possessjoni tad-demonju." L-ewwel kittieb tal-Vanġelu irreġistra dan il-kliem:

> "*U l-fama tiegħu [Ġesù] xterdet mas-Sirja kollha, u bdew iġibulu lil kull min kellu xi hemm fuqu, dawk li kienu jbatu b'xi mard jew uġigħ, il-maħkumin mid-demonji, il-morda b'tal-qamar, il-mifluġin, u hu fejjaqhom*" (Mattew 4:24).

Minn dan il-punt 'il quddiem, hemm bosta riferenzi għal "demonji" jew "possessjoni tad-demonju" fit-Testment il-Ġdid. [NOTA: Hawn tajjeb li niġbed l-attenzjoni li l-verżjonijiet kollha tal-Bibbja bil-Malti, f'ħafna Skritturi jġibu, *b'mod żbaljat*, "xjaten" jew "xitan" minflok "demonji" jew "demonju." Din hija waħda minn dawk l-Iskritturi fejn il-verżjonijiet kollha bil-Malti, b'mod żbaljat, iġibu "x-xitan" jew "xjaten" minflok id-demonji. Xitan hemm *wieħed* biss, Satana, imma hu għandu d-demonji tiegħu bħala

messaġġiera tiegħu. Aktar ’il quddiem sejrin naraw aktar Skritturi fejn isir dan l-iżball. Il-kelma Griega għal xitan hija *diabolos*. Terminni oħra, *diamon* (jinsabu darba) u *dimonion* (63 darba), huma ittrasletteralizzati bħala “demonju/i”. Hemm biss xitan wieħed, imma hemm ħafna demonji.]

Kritiċi tal-Bibbja, naturalment, jallegaw li dan huwa eżempju tax-xorta tas-superstizzjoni kbira li tikkaratterizza l-volum l-antik. Il-kwotazzjoni li ġejja tirrappreżenta resqan tipiku atew għal din il-ħaġa:

> Mark 5:1-13 jirrelata storja nkredibbli fejn Ġesù keċċa “d-demonji” minn raġ-el sfortunat. Hu mbagħad jikkawża lid-demonji biex jidħlu, minflok, ġo merħ-la qżieqeż, u l-qżieqeż, hekk indemon-jati, ġrew minn fuq irdum u nxteħtu għal ġol-baħar u għerqu. Fundamenta-listi jriduna li nemmnu li din hija storja tassew. Dak jgħidilna ħafna dwar il-fundamentalisti. Twemmin fid-demonji u sħaħar u ħlejjaq ċkejkna tas-sħarijiet u draguni spiċċaw, għall-ħafna nies, żminijiet ilu, u huma mfakkra biss f’xi ħrejjef tas-sħaħar. Superstizzjonijiet tal-qedem għandhom jitħallew wara, fil-passat ikkulurit tagħna, fejn hu post-hom (Hayes, 1996, pp. 129-130).

Ukoll reliġjużi modernisti huma lesti li jwarrbu r-rakkonti Bibliċi ta’ possessjoni tad-demonji. William Barclay kiteb:

> Aħna m'għandniex għalfejn nargumen-taw jekk id-demonji kinux realtajiet jew le. Ħaġa waħda ċerta hija li fiż-żmien ta' Ġesù nies emmnu fihom b'intensità tal-biża'. Jekk raġel jem-men li hu marid, hu jkun marid. Jekk raġel jemmen li hu kien maħkum mid-demonju, allura, illużjoni jew mhix, hu definittivament kien marid fil-moħħ u fil-ġisem (1976, p. 26).

L-iskular Skoċċiż kompla biex jammetti li Ġesù seta' emmen fid-demonji, imma li "Hu ma ġiex f'din id-dinja biex jagħti lin-nies għarfien mediku, u ma hemm ebda raġuni biex taħseb li l-għarfien mediku tiegħu jkun avvanzat aktar minn dak tan-nies taż-żmien tiegħu" (p. 27).

Li tissuġġerixxi li kumment bħal dan huwa rifless-joni fuq id-divinità ta' Kristu hija dikjarazzjoni li ma turix il-verità. It-Testment il-Ġdid ma jippreżentax lil Ġesù semplċiment bħala li jemmen fid-demonji, imma jurih attwalment ikellem lil dawn il-kreaturi, bħala li huma kellmu Lilu. Hu saħansitra kkmanda lid-demonji biex jagħmlu ċerti ħwejjeġ. Jew dawn l-ispirti ħżiena kienu realtà jew inkella r-rakkont Bibliku huwa ħażin għalkollox. Ma hemm ebda mod ieħor li bih tista' tħares lejn din il-ħaġa.

Din ix-xorta ta' tneħħija *priori* tar-rakkont storiku hija tipika ta' nuqqas ta' twemmin. Ix-xettiku, u wkoll dawk ir-reliġjonisti li kienu nfluwenzati bil-mod ta' ħsieb razzjonalistiku, iwarrbu fil-ġenb dak kollu li mhuwiex konsistenti ma' l-esperjenza kurrenti tal-

bniedem. Imma ideoloġija bħal din sempliċiment mhix bażi intelliġenti li fuqha tista' tistabbilixxi konklużjonijiet. Hemm validità fil-kredibilità tax-xhieda storika. Ir-realtà ta' attività tad-demonji, mela, m'għandix tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' esperjenzi tasseklu li aħna ninsabu fih; pjuttost, din hija bbażata fuq jekk id-dokumenti tat-Testment il-Ġdid humiex kredibbli jew le.

Jiena nixtieq li nagħmel din l-osservazzjoni. Fl-1846, Simon Greenleaf, Professur tal-Liġi fl-Università ta' Harvard, ipproduċa xogħol bit-titlu ta' *The Testimony of the Evangelists Examined by the Rules of Evidence Administered in Courts of Justice*. (Ix-Xhieda ta' l-Evanġelisti Eżaminata permezz tar-Regoli ta' Xhieda Amministrata fil-Qrati tal-Ġustizzja). Greenleaf kien l-aqwa awtorità fl-istorja tal-proċedura legali fuq x'jikkostitwixxi xhieda. Fis-sett kbir tiegħu ta' tliet volumi, *A Treatise on the Law of Evidence* (Trattat fuq il-Liġi tax-Xhieda, 1842-53), huwa, sa din il-ġurnata tal-lum, qies fuq is-suġġett tax-xhieda jew evidenza. Greenleaf argumenta f'*The Testimony*—b'awtorità drammatika—li r-rakkonti ta' Mattew, Mark, Luqa, u Ġwanni għaddew l-aktar testijiet stretti ta' awtentiċità, u għalhekk għandhom ikunu meqjusa bħala ta' min joqgħod fuqhom (1903, pp. 1-54). U mingħajr ebda kontroversja huwa l-fatt li dawn il-kittieba iddeskrivew każi ta' attività tad-demonji matul il-ministeru ta' Ġesù.

## L-ORIĠINI TAD-DEMONJI

L-etimoloġija tat-terminu "demonju" pjuttost hija oskura, imma xi wħud kienu ssuġġerew li din hi ġejja mit-tifsira għerq li tfisser "li taf," għalhekk probabbilment tifisser "wieħed li jaf" (Vine, 1991, p. 203). Vincent innota li Plato ħareġ it-terminu minn *daemon*, jissinjifika "taf" jew "għaref" (1972, p. 92). Kittieba antiki Griegi ssuġġerew li l-ġenesi (il-bidu) tat-terminu għandu jinsab fil-fatt li dawn l-entitajiet kienu kkonsidrati li huma "kreaturi intelliġenti" (McClintock and Strong, 1968, 2:639). Jiena mhux sejjer nikkonċerna lili nnifsi b'diskussjoni ddettaljata dwar kif id-demonji kienu jħarsu lejhom fid-dinja l-antika, ħlief li ngħid li dawn kienu jarawhom bħala spirti ħżiena "xi mkien bejn l-uman u d-divin" (Arndt and Gingrich, 1967, p. 168).

Mhux bħal letteratura spekulattiva ta' l-antikwità, it-Testment il-Ġdid ma jagħmel ebda attentat biex jispjega l-oriġini tad-demonji jew biex jiddeskrivi xi fatturi materjalistiċi (cf. Reese, 1992, 2:141). Dan jidher li huwa sinjifikanti; il-limitazzjoni, jiena nemmen, hija xhieda fina ta' l-ispirazzjoni divina tar-rakkonti (ara Jackson, 1996). Skulari, iżda, spekulaw dwar l-oriġini tad-demonji. Jiena sejjer nikkonsidra fil-qosor xi wħud mill-ideat prevalenti.

(1) Xi wħud jistqarru lid-demonji kienu l-ispirti bla ġisem ta' razza qabel Adam ta' rġiel li għexu fuq l-art fl-hekk imsejjaħ "gap period" li skond ma jgħidu joqgħod bejn Ġenesi 1:1 u 1:2. Hemm żewġ ħwejjeġ ħżiena f'dik l-opinjoni: (a) Ma hemm assolutament ebda xhieda li qatt kien hemm "spazju ta' żmien" ("gap") storiku bejn l-ewwel żewġ versi ta' Ġenesi

(ara Fields, 1976). (b) Ma kien hemm ebda nies qabel Adam. Hu ġie dirett minn Alla (Luqa 3:38), u kien "l-ewwel" bniedem (1 Korintin 15:45).

(2) Oħrajn jittraċċjaw l-oriġini tad-demonji għal maħsub koabitazzjoni bejn l-anġli u ċerti nisa tad-dinja ta' qabel id-dilluvju (Ġenesi 6:1-6). [Ara d-disa' parti, l-istudju li jġib l-isem ta' "Għexu l-Anġli Flimkien Bħala Miż-żewġin Ma' Nisa?" minn paġna 101]. Din it-teorija hija miġjuba fix-xejn bil-fatt li Kristu għallem li l-anġli huma kreaturi mingħajr sess, mhumiex kapaċi għal unjoni bħal din (Mattew 22:30; ara wkoll Kaiser, 1992, pp. 33-38).

(3) Kien argumentat ukoll lid-demonji ta' l-ewwel seklu jistgħu jkunu identifikati ma' l-anġli li waqgħu imsemmija fit-Tieni Pietru 2:4 u Ġuda 6, xi wħud minnhom, konsistenti mal-pjan divin, kienu mħollija biex iħallu temporanjament l-isfera ta' l-għeluq għal l-iskop li jabitaw f'ċerti nies. Charles Hodge argumenta din it-teorija (1960, p. 643), li probabbilment hija l-aktar idea popolari dwar din il-ħaġa.

(4) Veduta oħra hija lid-demonji kienu spirti ta' nies ħżiena mejta li kienu mħollija minn Alla biex iħallu l-qasam tal-post il-mejtin (Hades) biex jakkomodaw l-implimentazzjonijiet tal-pjan divin tal-fidwa. Josephus stqarr lid-demonji kienu "l-ispirti ta' nies ħżiena, li jidħlu f'nies li huma ħajjin u joqtluhom, sakemm huma ma jkunux jistgħu jiksbu xi għajnuna kontrihom" (*Wars* 7:6.3). Alexander Campbell ta diskors f'Nashville, Tennessee fl'għaxra ta' Marzu, 1841 li fih hu, f'mod pjuttost perswassiv, argumenta l-każ lid-"demonji" tad-dinja l-antika kienu spirti tal-

mejtin. Il-forma stampata ta' dik il-preżentazzjoni hija ta' min jistudjaha (Campbell, n.d., pp. 379-402)

Fl-analiżi finali, ebda konklużjoni dommatika ma tista' tinġibed b'riferenza għal l-oriġini tad-demonji. Li huma eżistew jammetti bla ebda dubju kull min jieħu l-Bibbja serjament; imma dwar l-oriġini tagħhom, l-Iskrittura hija silenzjuża.

## IN-NATURA U L-KARATTRU TAD-DEMONJI

In-**natura** tad-demonji hija murija espliċitament fit-Testment il-Ġdid. Huma kienu kreaturi "spirti." Dan, naturalment, joħloq problema għax-xettiku, li jiċħad li hemm xi ħaġa 'il hemm mill-materjali. Imma kkonsid-ra x-xhieda ta' Mattew.

> "*Filgħaxija mbagħad ġibulu quddiemu [Kristu] bosta li kienu maħkuma bid-***demonji***: u b'kelma* ***l-ispirti*** *ħarġu, u fejjaq il-morda kollha*" (Mattew 8:16).

Innota lit-termini "demonji" u "spirti" huma wżati b'mod li jfissru l-istess. Billi huwa wkoll magħruf li "*spirtu m'għandux laħam u għadam*" (Luqa 24:39), wieħed għandu jikkonkludi lid-demonji ma kinux kreaturi fiżiċi.

Bħala entitajiet spirti, id-demonji kienu jistgħu jeżerċitaw kemm rieda ("Nerġa' lura…") u li jitħarrek ("Imbagħad imur…") (Mattew 12:44-45). Ukoll, huma jistgħux jassimilaw informazzjoni fattwali. Demonju darba kellem lil Kristu u qal,

> "*Jien naf min int: il-Qaddis ta' Alla!*" (Luqa 4:34; Mark 1:24).

Ukoll, huma jippossiedu sensittività reliġjuża. Ġakbu jgħidilna:

> “*Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan id-demonji wkoll jemmnuh, u jitriegħdu* (Ġakbu 2:19),

Hawn fl-oriġinal għandna “demonji” u mhux “xjaten” kif insibu fil-verżjonijiet Maltin tal-Bibbja. “Jitriegħdu” tissuġġerixxi li “tkun milqut b’biża’ kbir, li tkun imwerwer” (Thayer, 1958, p. 658). Il-fatt huwa, li huma jitriegħdu minħabba l-prospett tal-kundanna ta’ l-aħħar tagħhom (ara Mattew 8:29).

Dwar il-karattru tagħhom, id-demonji huma murija bħala “mniġġsa” u “ħżiena.” F’li jiddeskrivi n-natura qarrieqa tan-nazzjon Lhudi taż-żmien tiegħu, il-Mulej ta illustrazzjoni dwar raġel li kien maħkum minn spirtu “mniġġes” (Mattew 12:43); l-ispirtu ħalla lir-raġel, imma eventwalment reġa’ daħal fir-raġel, jieħu miegħu spirti oħra “aktar ħżiena” minnu nnifsu (vers 45). Dan il-passaġġ jirrivela “l-immniġġsa” (Grieg *akathartox*—“mhux safja”) jew “ħżiena” (*kakos*—dak li mhux biss huwa moralment malinn, imma inġurjuż ukoll; cf. Vine, 1991, p. 272) dispożizzjoni tad-demonji. Minn dan it-test huwa osservat ukoll li kien hemm gradi ta’ ħażen (“aktar ħżiena”) fid-demonji.

## L-EFFETTI TAL-ĦAKMA TAD-DEMONJI

L-effetti fiżiċi u/jew mentali jiġru f’ċerti individwi bħala konsegwenza ta’ li jkunu maħkuma minn demonju jew demonji (aktar minn wieħed jistgħu jidħlu f’persuna; Marija ta’ Magdala darba kellha fiha seba’

demonji—Luqa 8:2) kienu varjati. Xi ndemonjati kienu milquta b'nuqqas ta' dawl (għomja) u/jew b'nuqqas ta' abbiltà li jitkellmu (Mattew 9:32; 12:22). Xi wħud li kienu hekk maħkuma jistgħu jkunu disposti għal konvulżjonijiet vjolenti. Każ irreġistrat millerba' kittieba sinottiċi, tal-Vanġeli jgħidu dwar żagħżugħ li kien ibati "b'tal-qamar." Hu bata' ħafna, spiss jaqa' fin-nar jew fl-ilma (Mattew 17:15). Hu kien imsabbat ma' l-art u mfarrak sewwa (Mark 9:18; Luqa 9:39); u hu joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu, u "jibbies" (Mark 9:18). Din l-aħħar deskrizzjoni tista' tissuġġerixxi li l-ġisem tat-tifel kien isir iebes li ma jkunx jista' jiċċaq-laq (Arndt and Gingrich, 1967, p. 550). Raġel maħ-kum mid-demonju li għex fl-għerien fuq in-naħa tal-lvant tal-Baħar tal-Galilea kellu saħħa eċċessiva. Hu spiss kien ikun marbut bil-ktajjen u bixxkiel, imma kien ikisser dan l-irbit f'biċċiet, u ħadd ma kellu s-setgħa li jżommu (Mark 5:4; ara wkol Atti 19:11-16). Ukoll, hu kien ikkaratterizzat b'kemm mard emo-zzjonali u b'imġieba mhux soċjali, eżempju, hu ma kien jilbes ebda lbies—Luqa 8:27), imma meta Kristu ħareġ id-demonju miż-żagħżugħ hu kien osservat "liebes, u **moħħu f'sikktu**" (Mark 5:15).

Huwa importanti li tiddistingwi bejn il-kawża u l-effett f'dawn il-każi. Il-kawża kienet dik ta' ħakma tad-demonju; l-effetti kienu fiżiċi u/jew mard emozzjonali. L-Iskrittura qatt ma tħawwad dawn it-tnejn. Fi kliem ieħor, "ħakma tad-demonju" ma kinetx sempliċiment aċċident, attentat mhux imdawwal biex jispjega problemi fiżiċi u/jew mentali. Pjuttost, distinzjoni

ċara hija magħmula bejn li tkun okkupat minn spirtu mniġġes u li tkun marid. Possessjoni jew ħakma tad-demonju tista' tipproduċi mard, imma mhux kull mard kien attribwit għall-ħakma ta' spirti ħżiena. Innota d-distinzjoni li hija magħmula fil-passaġġ li ġej:

> "*Filgħaxija mbagħad, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu [Ġesù] kollha* ***li*** *kienu morda jew* ***li*** *kienu maħkuma mid-demonji*" (Mark 1:32).

L-użu doppju ta' l-artiklu definit (*tous*), flimkien mal-konġunzjoni, jirrivela żewġ klassijiet distinti huma inkonsiderazzjoni—dawk li kienu sempliċiment morda, u dawk li kienu maħkuma mid-demonju u setgħu jew ma setgħux kellhom problemi oħra minħabba f'hekk. Lenski kkummenta hekk: "Iż-żewġ klassijiet huma b'mod ċar distini; dawk ibatu minn mard ordinarju u dawk maħkuma bid-demonji. Id-distinzjoni turi li ta' l-aħħar ma jistgħux ikunu kklassifikati ma' ta' l-ewwel minkejja l-attentat modern f'dik id-direzzjoni" (1964, p. 84).

## L-ISKOP DIVIN F'LI JĦALLI L-ĦAKMA TAD-DEMONJU/I

It-Testment il-Ġdid jindika ċar lid-demonji kienu taħt il-kontroll ta' l-awtorità divina. Ġesù, per eżempju, kien jista' jikkmandahom biex iħallu persuna (Mat-tew 8:16), jew saħansitra biex iżommu s-skiet (Mark 1:34). Id-demonji li tturmentaw lir-raġel fil-pajjiż ta' Gerasin ma kinux jistgħu jidħlu fil-merħla qżieqeż li kien hemm qrib ħlief permezz tal-

konċessjoni tal-Mulej (Mark 5:13-14). Billi huwa l-każ li ħakma tad-demonji ma tista' tagħmel xejn ħlief b'permess divin, il-mistoqsija li tiġi hija: **Għaliex** Alla ppermetta dawn il-kreaturi li jagħmlu d-deni biex jidħlu fin-nies?

Il-verità tal-ħaġa hija, il-Bibbja ma tagħtix tweġiba speċifika għal din il-mistoqsija—daqs kemm il-kurżità tagħna trid li tkun taf. Jiena nemmen, iżda, li każ raġ-junevoli jista' jinbena biex jgħin jagħti xi dawl fuq is-suġġett.

Jekk il-missjoni ta' Ġesù Kristu, bħala l-Iben divin ta' Alla, kellha tkun effettiva, l-awtorità assoluta tal-Mulej kellha tkun stabbilita. Ebda ġebla ma kellha tkun mhux maqluba. Hekk ukoll aħna naraw lis-Salva-tur juri l-awtorità Tiegħu f'varjetà ta' modi. (1) Kristu wera qawwa fuq il-mard u wġigħ fiżiku (Mattew 9:20-22; Ġwanni 4:46-54; 9:1-41). (2) Il-Mulej eżerċità l-awtorità tiegħu fuq oġġetti materjali (Mattew 14:15-21; 17:24-27; Ġwanni 2:1-11; 21:1-14). (3) Ġesù wera li Hu kien jista' jikkontrolla l-elementi tan-natura (Mattew 8:23-27). (4). Il-Mulej saħansitra issospenda l-qawwa tal-gravità bil-ġisem Tiegħu stess meta Hu mexa fuq l-ilmijiet tal-Baħar tal-Galilija (Mattew 14: 22-23). (5) Il-Mulej ħeles lil xi wħud li kienu maq-buda bil-mewt (Mattew 9:18-26; Ġwanni 11:1-45). (6) Fl-aħħarnett, mhuwiex mhux raġjonevoli li tassumi li, l-istess kif is-Salvatur kien wera s-setgħa meraviljuża Tiegħu fuq dawn l-oqsma kollha, huwa l-istess xieraq li Hu jkun jista' juri l-awtorità Tiegħu fuq il-qasam ta' **l-ispirti** wkoll. Satana mhuwiex fil-kontroll **sħiħ** kif sfortunatament

illum hemm xi wħud li jaħsbu! Fil-fatt, innota dan il-passaġġ interessanti. Meta s-sebgħin dix-xiplu reġgħu lura mill-vjaġġ evanġelistiku tagħhom (Luqa 10:1), huma bil-ferħ qalu lil Kristu:

> "*Mulej, ukoll id-demonji joqogħdu għalina minħabba f'ismek. U hu qalil-hom: "Iva, jien kont narah lil Satana jaqa' bħal berqa mis-sema*" (Mark 10: 17-18).

Is-sinjifikat ta' dik l-istqarrija hu dan: is-setgħa tad-dixxipli fuq id-demonji taħt il-patronaġġ ta' l-Isem ta' Kristu (awotrità), kienet **wirja ta' qabel** tal-waqa' ta' l–aħħar u kompluta tax-xitan. Skular wieħed esprima din il-ħaġa fil-mod li ġej:

> Ġesù ħares lejn it-trijonf ta' dawn [id-dixxipli] bħala li hu sintomatiku [li hu sinjal] ta' dejjem ta' tant rebħiet oħra fuq Satana matul il-korsa tat-taqsima l-ġdida, rebħiet miksuba matul ix-xogħol ta' eluf ta' missjunarji oħra. Hu kien qiegħed iħares 'il bogħod fil-futur (cf. Mattew 24:14). Hu ra t-tifxil ta' l-aħħar tad-dragun ikrah u l-aġenti servili koll-ha tiegħu (Hendriksen, 1978, p. 581).

Ikkonsidra riferenza oħra. Kristu qal:

> "*Iżda jekk jien bl-Ispirtu ta' Alla qie-għed inkeċċi d-demonji, dan ifisser lis-saltna ta' Alla ġiet fuqkom. Jew kif*

*jista' wieħed jidħol fid-dar ta' raġel b'saħħtu u jaħtaflu ġidu jekk qabel ma jkunx rabtu? U mbagħad id-dar jaħtaf-hielu żgur*" (Mattew 12:28-29; Luqa 11:20-22).

L-argument tas-Salvatur hu: Jiena keċċejt id-demonji, il-qaddejja ta' Satana. Jiena ma kontx nista' nagħmel dan li kieku ma kontx aktar b'saħħti minnu. Is-setgħa Tiegħi hija superjuri għal tiegħu. Dawn il-passaġġi, jiena nemmen, jgħinuna biex nifhmu l-iskop tal-ħak-ma tad-demonji fl-ewwel seklu. Dan stabbilixxa l-awtorità **komprensiva** u **suprema** ta' l-Iben ta' Alla.

Għaliex demonji daħlu f'individwi **partikulari** mhux spjegat fl-Iskrittura. Unger spekula li "fil-maġġ-oranza l-kbira tal-każi ta' ħakma bla dubju hija ttraċċ-jata għal li toqgħod volontajament għat-tentazzjoni u għad-dnub…" (1952, p. 95). Madankollu, fil-waqt tat-tifel li kien bil-marda tal-qamar, it-tifel kien itturmen-tat "minn ċkunitu" (Mark 9:21), li jissuġġerixxi, li dnub personali ma kienx neċessarjament il-fattur li jikkawża l-ħakma tad-demonju.

## KAŻI FIR-RAKKONTI TAL-VANĠELI FEJN ĠESÙ KEĊĊA D-DEMONJI

- Ir-raġel bi spirtu mniġġes fis-sinagoga (Mark 1:23; Luqa 4:33-36).
- Ir-raġel bi spirtu ħażin ta' Gerasin (Mattew 8:28-34; Mark 5:1-20; Luqa 8:26-39).

- It-tifla tal-mara Kangħanija (Mattew 15:21-28; Mark 7:24-30).
- It-tifel li kien marid b'tal-qamar (Mattew 17:14-21; Mark 9:14-29; Luqa 9: 37-43).
- L-imbikkem maħkum mid-demonju (Mattew 9:32-34).

## KUNTRAST MAL-PAGANEŻMU

Huwa ta' siwi li nagħmlu osservazzjoni qasira. Id-dinja l-antika kienet mimlija bis-superstizzjoni relattiva għad-demonji (fejn il-ġenwin jeżisti, il-falz ikun ukoll). Imma hemm qasma kbira bejn ir-rakkonti tad-demonji fit-Testment il-Ġdid u dawk tad-dinja pagana u, fil-fatt, ukoll fost xi wħud min-nazzjon Lhudi. Per eżempju, kif imsemmi aktar qabel, ma hemm ebda rakkonti fit-Testment il-Ġdid ta' xi deskrizzjoni viżwali tad-demonji. Karratterizzazzjonijiet bħal dawn, iżda, kienu komuni fid-dinja pagana. Statwa minn Babilonja l-antika fiha x-xbieha tad-demonju Pazuzu. Il-figura għandha l-ġwienaħ u s-saqajn ta' ajkla, ġisem uman bi dwiefer għal idejn, u ras bla forma (Aune, 1979, 1: 920). Josephus jgħid dwar it-tkeċċija ta' demonju fejn l-eżorċista "poġġa ċurkett li kellu għerq ta' wieħed minn dawk il-kwalitajiet imsemmija minn Salamun, f'waħda miż-żewġ toqbiet tan-nifs ta' l-imnieħer ta' l-indemonjat, wara li hu ħareġ barra lid-demonju minn imnifsejh…" (*Antiquities* 8:2.5). It-Testment il-Ġdid ma fih ebda taħlit assurd bħal dan.

## ĦAKMA TAD-DEMONJU LLUM?

Jidħlu llum spirti ħżiena f'ġisma umani u jaħqru lin-nies? Jiena b'mod kunfidenti nafferma li dan huma *ma jagħmluħx*. Sfortunatament, iżda, xi kittieba moderni argumentaw li attività tad-demonju għadha parti mill-ambjent tad-dinja. Charles Ryrie qal li ċerti "anġli li waqgħu" jinsabu "għadhom ħielsa jiġġerrew fuq l-art bħala demonji jwettqu l-pjanijiet ta' Satana" (1959, p. 296). Merrill Unger, skular irrispettat, semma l-ktieb tiegħu, *Biblical Demonology*, "A Study of the Spiritual Forces Behind the Present World Unrest." Bosta snin ilu ktieb bit-titlu *UFO, Satan and Evolution* kien igawdi ċirkolazzjoni llimitata fil-komunità evan-ġelika. Fih l-awtur stqarr li mijiet ta' żjarat ta' l-UFO għad-Dinja irrappreżentaw invażjoni ta' demonji. Hu wera "eżempju" wieħed fejn demonju irrejpja mara (ħaġa interessanti għal spirtu!) Il-fatt li kreazzjonista prominenti kiteb id-Daħla għal dan il-fjask letterarju li ma jistax jitfisser jibqa' misteru.

Il-pożizzjoni li ħakma tad-demonju **ma** teżistix illum tista' tkun argumentata minn bażi doppja. L-ewwel, studju bil-ħsieb tad-dettalji assoċjati ma' l-hekk imsejħa eżempji moderni ta' ħakma tad-demonju jirrivela li dawn il-każi m'għandhom ebda xebħ għal l-eżempji ġenwini ta' ħakma ta' spirti fit-Testment il-Ġdid. Il-kuntrast huwa drammatiku. It-tieni, konsiderazzjoni ta' ċertu tagħrif (data) imqiegħed 'il quddiem fit-Testment il-Ġdid iwassal biss għall-konklużjoni li ħakma tad-demonju/i kienet esperjenza ta' l-ewwel seklu; din kienet imħollija għal raġuni speċifika ħafna, u l-konċessjoni divina kienet imneħħija qrib it-tmiem ta' l-era appostolika.

## IL-MANIJIA MODERNA TA' L-EŻORĊIŻMU
## (It-Tieni Parti)

Meta l-film, *The Exorcist* (ibbażat fuq ir-rumanz ta' William Blatty ta' l-istess isem), għamel id-dehra tiegħu f'Diċembru 1973, mewġa ta' eċċitament mistiku li kienet imsejħa "id-dagħdigħa ta' l-eżorċiżmu" (the exorcism frenzy), għaddiet b'ġirja minn fuq ħafna pajjiżi. (Saż-żmien li l-film kien barra għal ħames ġimgħat, il-ktieb ta' Blatty biegħ disa' miljun kopja). Numru mhux ħażin ta' nies bdew jgħidu li huma kienu maħkuma minn spirti ħżiena—jew li huma kienu jafu lil xi ħadd li kien! Artikli numerużi dwar dawn l-alleg-ati esperjenzi dehru fil-gazzetti u ġurnali. Konsideraz-zjoni bil-għaqal tad-dettalji ta' dawk l-allegati episodji turi kuntrast qawwi għat-Testment il-Ġdid (cf. Wood-ward, 1974). Irrifletti fuq id-differenzi li ġejjin.

(1) L-"eżorċiżmi" tal-lum huma mwettqa regolar-ment kważi kollha f'ambjenti fid-dlam u fil-magħluq, fejn ikunu biss ippubblikati aktar wara.

Meta Ġesù keċċa d-demonji, l-episodji kienu pubbliċi, u għalhekk suġġetti għal eżaminazzjoni kritika (Luqa 4:31-37).

(2) Il-Mulej kien jista' jkeċċi spirti ħżiena sempliċiment b'kelma waħda biss, u l-effett kien immedjat (Luqa 4:36; Matew 17:18). Il-Qassis Ġiżwita li suppost "eżorċizza" demonju miż-żagħżugħ li serva bħala s-suġġett fil-ktieb ta' Blatty, *The Exorcist*, stqarr li dan ħadlu xaharejn ta' preparazzjoni (sawn fuq ħobż u ilma), u għoxrin ċerimonja ritwali biex inaddaf lit-tifel.

(3) L-indemonjati taż-żmien tat-Testment il-Ġdid kienu milquta, jew fiżikament jew mentalment, b'difetti li kienu f'mod ieħor karatteristiċi umani. Dawk il-każi ma nvolvew ebda dettalji grotteski. Madankollu, skond il-qassis Kattoliku Ruman Luigi Novagese (l-eżorċista uffiċjali għaddjoċesi papali f'Ruma), "Il-ġilda ta' raġel saret bajda bħall-karta, snienu saru trasparenti, u għajnejh imqabbżin bi blalen ta' fjammi u nar ħiereġ minn ħalqu." Wieħed qassis stqarr li demonju ħa gid-ma mis-sandwiċ tiegħu. Fil-ħarġa tal-ħdax ta' Frar, 1974 tal-perjodiku *Newsweek* kien hemm ritratt tad-delikatezza misruqa, fejn juri, marki bħas-snien ta' bniedem! (Jiena nistagħġeb—għanhom id-demonji [spirti] ħofor tas-snien?)

(4) Indemonjati moderni spiss huma mfissra bħala li jlissnu "saħtiet feroċi" u "għajjat ta' dagħa." Fir-rakkont tat-Testment il-Ġdid, id-demonji dejjem kienu rispettabbli ħafna dwar id-divinità (Mark

1:24; 3:11). Ma hemm lanqas każ wieħed biss ta' demonji jidgħu kontra Alla jew Kristu fir-rakkonti Bibliċi. (Ara l-każ minn paġna 95.)

(5) Żewġ każi ta' ħakma tad-demonji fit-Testment il-Ġdid jirrivelaw li l-ispirti mniġġsa kienu jistgħu jagħtu lil dawk li huma jidħlu fihom saħħa sopra-naturali (Mark 5:1-20; Atti 19:13-16). L-indemo-njat imfisser f'Mark 5 ma kienx jista' jiġi marbut ukoll "b'katina." Professur irrispettat ta' univer-sità għamel din il-mistoqsija interessanti: "Jekk aħna għandna llum nies maħkuma mid-demonji, għaliex fil-vjaġġi tiegħi f'aktar minn erbgħin paj-jiż tad-dinja jien qatt ma rajt persuna li kienet b'saħħitha li inti ma tistax torbotha b'katina (cf. Mark 5:3)?" (Edwards, 1996, p. 135).

(6) L-abbiltà biex tkeċċi d-demonji fl-ewwel seklu kienet mogħtija sabiex tikkonferma l-verità tal-messaġġ ta' l-Evanġelju (Mark 16:17-20). "Eżorċisti" moderni jippridkaw kollox barra mill-Evanġelju! Mhux ta' b'xejn il-Mulej fil-konklużjoni Tiegħu tal-Priedka tal-Muntanja kkonkluda b'dan il-kliem:

> "*Mhux kull min jgħidli; 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, m'hux f'ismek ħabbarna aħna, u m'hux f'ismek* ***keċċejna d-demonji*** *u f'ismek għa-milna ħafna mirakli?" Mbagħad*

*jien ngħdilhom, 'Lilkom qatt ma kont naf-kom! Warrbu min quddiemi, **intom li tagħmlu l-ħażen!'**"* (Mattew 7:21-23).

Nerġa' nfakkar, li fit-traduzzjonijiet *kollha* tal-Bibbja bil-Malti f'vers 22 insibu: "u f'isemek keċċejna **x-xjaten?**" Kif diġa' spjegajt fil-bidu, "xitan" hemm *wieħed* biss u l-kelma hawn għandha tkun "demonji" u mhux "xjaten"! (L-istess insibu f'Mattew 4:24; 8:16; 9:32-34; 12:24, 27; 17:18; Mark 1:32; 10:17-18; Luqa 4:41; 8:2, 27, 29; eċċ.). "F'ismek **keċċejna d-dem-onji**" imma għall-Mulej dak kien "**ħażen!**" Għaliex? Għaliex huma kienu qegħdin *iqarrqu* bin-nies u jgħidu li qegħdin ikeċċu d-demonji meta d-demonji ma kell-homx is-setgħa li jidħlu fin-nies! Hekk jgħid il-Mulej!

## ARGUMENT RAĠJUNEVOLI

Każ qawwi jista' jkun magħmul għall-propożizzjoni li ħakma tad-demonju ma kinetx imħollija li tkompli aktar miż-żmien appostoliku—l-era tal-mirakli.

Jiena l-ewwel għandi nsemmi li meta l-profeta Żak-karija bassar il-miġja tat-taqsima (sistema) tal-Mes-sija, u l-barkiet li kellhom jakkumpanjaw it-tixrid ta' l-Evanġelju, hu ssuġġerixxa li l-Mulej "*iwarrab ukoll mill-pajjiż il-profeti u **l-ispirtu mniġġes***" (Żakkarija 13:1-2). Xi wħud iħossu li l-espressjoni "spirtu mniġ-ġes" tista' tagħti ħjiel ta' jew għallanqas tinkludi, il-waqfien ta' l-attività tad-demonju. Hailey jara dan bħala tbassira tat-terminazzjoni eventwali ta' l-attività

profetika (fuq il-parti tal-poplu ta' Alla) u l-qtugħ barra tas-setgħa ta' l-ispirti ħżiena.

> Hekk ukoll, spirti mniġġsa, l-antitesi tal-profeti, jieqfu. Fir-rebħa ta' Kristu fuq Satana u l-qawwiet tiegħu, spirti mniġġsa waqfu milli jikkontrollaw nies kif kienu jagħmlu fiż-żmien tal-minis-teru ta' Kristu u l-appostli… (1972, p. 392).

Waqt li din mhix veduta komuni tal-profezija ta' Żakkarija, u ċertament li mhix waħda li fuqha jista' jinbena każ sħiħ, dan mhuwiex mingħajr possibiltà. Propożizzjoni aktar soda tista' tkun argumentata kif ġej:

Ma' l-għeluq ta' l-ewwel seklu, iż-żmien tas-sopranaturali ġie fl-għeluq. Alla mhuwiex qiegħed jagħti s-setgħa lin-nies biex joperaw f'mod mirakoluż illum. Dan hu muri fil-mod li ġej:

(1) Xejn li jidduplika l-mirakli ta' l-ewwel seklu ma huwa apparenti llum. Ħadd ma jista' jimxi fuq l-ilma, iqajjem il-mejtin, jikkalma maltempata, jibdel ilma f'inbid, instantanjament ifejjaq widna maqtugħa, joħroġ flus tat-taxxa minn ħalq ta' ħuta, eċċ. Il-mirakli huma fenomeni li jawtentikaw lilhom infushom li ma jistgħux jiġu miċħuda, ukoll minn kritiċi ostili (Ġwanni 11:45-48; Atti 4:1-16); biċ-ċar, li dawn mhumiex qed isiru llum.

(2) L-iskop tad-doni sopranaturali kien biex jikkonferma l-awtentiċità ta' rivelazzjoni divina li tkun milqugħa mis-smewwiet (Mark 16:9-20; Lhud 2:1-4). Billi l-proċess tar-rivelazzjoni kien komplut

meta l-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid kien miktub, il-mirakli ma kinux meħtieġa aktar, għalhekk, dawn waqfu. Dawn kienu bħall-armar li huwa mneħħi hekk kif bini jkun lest.

(3) It-Testment il-Ġdid esplicitament jargumenta li l-jum kien fuq l-orizzont meta l-mirakli kellhom jieqfu. L-appostlu Pawlu ddefenda dik il-pożizzjoni kemm f'Efesin 4:8-16 u kemm fl-1 Korintin 13:8-10. Matul il-jiem tal-bidu ta' l-era appostolika, rivelazzjoni divina kienet "biċċa" (1 Korintin 13:9, 12), jiġifieri, "biċċa biċċa." L-appostlu Pawlu qal, iżda, li meta "l-perfett" jew "il-komplut" (dak li hu "sħiħ") jiġi, jasal, ir-rivelazzjoni parzjali, (dik nieqsa), li ġiet permezz tad-diversi "doni" (eżempju, għerf sopranaturali u profezija), jieqfu (1 Korintin 13:8-13). Skular prominenti tal-Grieg, W.E. Vine, għamel sommarju tajjeb ta' din il-ħaġa:

> Mal-kompletar tax-xhieda appostolika u l-kompletar ta' l-Iskrittura tal-verità ("il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin", Ġuda 3), "dak li hu perfett" ġie, u d-doni temporanji spiċċaw. Għax l-Iskrittura pprovduta mill-Ispirtu ta' Alla hi *perfetta*. Xejn ma kellu jiġi miżjud magħha, xejn ma kellu jittie-ħed minnha. Din l-interpretazzjoni hija f'li żżomm mal-kuntest (1951, p. 184).

Ġakbu jgħid hekk dwar dak li hu perfett:

> "*Imma dak li jgħarbel sewwa l-liġi* ***perfetta*** *tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fl-għemil tiegħu*" (Ġakbu 1: 25; enfasi tiegħi).

Hawn huwa punt kruċjali. Jekk huwa l-każ li l-qawwiet mirakolużi kienu mneħħija mill-possessjoni tal-knisja, inkluż l-abbiltà li tkeċċi d-demonji (Mark 16: 17-20), tkun ħaġa rraġunata li Alla jħalli d-demonji biex b'mod sopranaturali jassaltaw nies illum, b'hekk jagħti lil Satana **vantaġġ mhux mistħoqq** fuq il-familja umana? Kif dan ikun jaqbel mal-wegħda "*dak li hemm igħammar fikom* ***hu akbar*** *minn dak li hemm fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:4)? Fi kliem ieħor, jekk id-don li tkeċċi d-demonji m'għadux jeżisti, mhix ukoll konk-lużjoni raġjunevoli li l-ħakma jew possessjoni tad-demonju/i m'għadhiex teżisti wkoll?

## KONKLUŻJONI

Ċertament li Satana jeżerċità influwenza kbira llum. Iżda, billi Alla ma jaħdimx b'mod mirakoluż f'dan iż-żmien, imma jinfluwenza permezz tal-Kelma Tiegħu u permezz tal-ġrajjiet ta' providenza, hekk ukoll, id-demonju juża s-setgħa tiegħu indirettament, u mhux mirakoluża, permezz ta' diversi komunikazzjonijiet. Każi kurrenti li qegħdin jiġu assoċjati mal-ħakma jew possessjoni tad-demonju huma bla dubju r-riżultati ta' problemi psikosomatiċi, isteriżmu, ipnosi mgiegħela minn dak li jkun fuqu nnifsu, qerq, delużjoni, u ħwej-jeġ oħra bħal dawn.

Dawn, għalkemm mhux dejjem mifhuma, għandhom kawżi naturali.

**RIFERENZI:**

Arndt, William F. and F. Wilbur Gingrich (1967), *A Greek-English Lexicon of the New Testament* (Chicago, IL: University of Chicago).

Aune, D.E. (1979), "Demonology," *International Standard Bible Encyclopedia* ed. Geoffrey Bromiley (Grand Rapids, MI: Eerdmans), revised edition.

Barclay, William (1976) *And He Had Compassion—The Healing Miracles of Jesus* (Valley Forge, PA: Judson Press).

Campbell, Alexander (no date.), *Popular Lectures and Addresses* (Nashville, TN: Harbinger Book Club).

Edwards, Earl (1996), "Powers of Darkness—Demon Possession," *Settled in Heaven*, ed. David Lipe (Henderson, TN: Freed-Hardeman University).

Fields, Weston W. (1976), *Unformed and Unfilled* (Nutley, NJ: Presbyterian & Reformed).

Greenleaf, Simon (1903 edition), *The Testimony of the Evangelists Examined by the Rules of Evidence Administered in Courts of Justice* (Newark, NJ: Soney & Sage).

Hailey, Homer (1972), *A Commentary on the Minor Prophets* (Grand Rapids, MI: Baker).

Hayes, Judith (1996), *In God We Trust: But Which One?* (Madison, WI: Freedom from Religion Foundation).

Hendriksen, William (1978), *An Expostion of the Gospel of Luke* (Grand Rapids, MI: Baker).

Hodge, Charles, (1960 edition), *Systematic Theology* (London: James Clarke).

Jackson, Wayne (1990), "Miracles," *Giving a Reason for Our Hope*, ed. Winford Claiborne, (Henderson, TN: Freed-Hardeman College).

Jackson, Wayne (1996), "The Silence of the Scriptures: An Argument for Inspiration," *Reason & Revelation*, 16:17-22, March.

Kasier, Walter, C., Jr. (1992), *More Hard Sayings of the Old Testament* (Downers Grove, IL: InterVarsity Press).

Lenski, R.C.H. (1964), *The Interpretation of Mark's Gospel* (Minneapolis, MN: Augsburg).

McClintok, John and James Strong, eds. (1968 reprint), *Cyclopedia of Biblical Theological, and Ecclesiastical Literature* (Grand Rapids, MI: Baker_.

Reese, David G. (1992), "Demons," *The Anchor Bible Dictionary*, ed. David Noel Freedman, (New York: Doubleday).

Ryrie, Charles C. (1959), *Biblical Theology of the New Testament* (Chicago, IL: Moody).

Thayer, J.H. (1958 edition), *A Greek-English Lexicon of the New Testament* (Edinburgh, Scotland: T. & T. Clark).

Unger, Merrill F. (1952), *Biblical Demonolgy* (Wheaton, IL: Scripture Press).

Vincent, Marvin (1972 edition), *Words Studies in the New Testament* (Wilmington, DE: Associated Publishers and Authors).

Vine. W.E. (1991), *First Corinthians—Local Church Problems* (Grand Rapids, MI: Zondervan).

Vine. W.E. (1951), *Amplified Expository of New Tes-tament Words* (Iowa Falls, IA: World Bible Publish-ers).

Woodward, Kenneth L. (1974), "The Exorcism Frenzy," *Newsweek*, 83:60-66.

## IL-BIBBJA U L-EŻORĊIŻMU

### (It-tielet parti)

Intqal darba fil-ġurnal ("Fuq ix-Xarabank", it-Tnejn 17 ta' Marzju 2003), f'paġna 5, li "Tfajla kellha x'taqsam sesswalment max-xitan." Li laqatni kien dak li nkiteb fil-bidu, jiġifieri, nikkwota: "Il-verità dwar dan is-suġġett ta' l-okkult u s-sataniżmu…" "Il-VERITÀ." Nistaqsi jien, dwar xhiex? Hija verità lit-tfajla kellha x'taqsam sesswalment max-xitan? It-tweġiba tiegħi hija LE! Hija verità lix-xitan ħadha wkoll f'laqgħat fejn hu meqjum minflok Alla"? It-tweġiba tiegħi

hija LE! Lis-sataniżmu jeżisti, iva, imma lix-xitan jaħkem persuna LE! Hija verità lix-xitan "jidħol" ġo persuna u jaħkimha? It-tweġiba tiegħi hija LE! Ħalli ngħidu xi ħaġa dwar dan u dwar l-eżorċiżmu li xi kultant nisimgħu dwaru llum. Xi kultant xi wħud jinsew lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu jew ma jkunux jafu sewwa x'għamel u x'kiseb Hu għalina bil-mewt u l-qawmien Tiegħu.

L-eżorċiżmu huwa bażikament il-prattika li tkeċċi jew li tixħet 'il barra min-nies demonji, spirti mniġġsa jew ħżiena jew rappreżentanti ta' Satana.

Fl-1973, il-ktieb ta' William Peter Blatty. *The Exorcist*, L-Eżorċista kien ippublikat u malajr miljuni ta' kopji kienu mibjugħa. Fl-1973 il-verżjoni bħala film tal-ktieb kienet kompluta u fl-1974 beda l-wiri tiegħu fit-teatri ta' bliet maġġuri Amerikani kif ukoll f'pajjiż-na. Dan il-film kien juri tifla ta' tnax-il sena li kienet "maħkuma" minn demonju. Il-biċċa l-kbira tal-film hu mogħti għal deskrizzjoni qawwija tar-riżultati tal-"possessjoni"; il-wiċċ tat-tifla jintefaħ u mmarkat kollu ponot, hija tiżviluppa nejbiet bil-ponta u qtar tad-demm joħroġ mill-ġnub ta' ħalqha, hija tixher, tokrob, u tigħid kliem oxxen, tattakka lilha nfisha, u tivvomta nixxiegħa ta' likwidu aħdar. Is-sodda tagħha taqbeż u togħla mill-art. It-tifla nfisha ttir fuq is-sodda. Waqt il-vjolenza tagħha, jkun hemm il-ħtieġa li jorb-tuha mas-sodda tagħha.

Fl-aħħar żewġ qassisin tal-Knisja Kattolika Rumana jiġu biex jeżorċitaw id-demonju. B'tisħir, talb, tibxix ta' ilma mbierek, u t-tixjir ta' slaleb tad-deheb, huma jagħmlu l-assalt tagħhom fuq id-demonju. Wie-

ħed mill-qassisin hu raġel ixjeħ u jmut apparentament b'attakk tal-qalb qabel ma l-eżorċiżmu jkun komplut, imma l-qassis iż-żagħżugħ fl-aħħar jirnexxilu f'li jġiegħel lid-demonju jidħol fil-ġisem tiegħu, fejn imbagħad hu jaqbeż mit-tieqa tas-sular ta' fuq għal fuq il-konkos ta' taħt, jeqred lilu nnifsu, u bil-ħsieb li jeqred lid-demonju wkoll. Huwa dan possessjoni tad-demonju? Minn mindu l-film beda l-wiri tiegħu, il-gazzetti rrappurataw bosta waqtiet ta' "possessjonijiet tad-demonju." Rapport minnhom kien jikkonċerna familja f'Kalifornja, fl-Istati Uniti, li rrappurtat ġrajjiet straordinarji fil-familja tagħhom; xugamani jieħdu n-nar fil-kamra tal-banju, skieken itiru fl-arja, u mwejjed jiċċaqalqu fil-kmamar. Apparentament hemm ħafna nies li sinċerament jemmnu f'din ix-xorta ta' possess-joni tad-demonju u li jaħsbu li dan huwa x-xogħol tax-xitan. Iżda eżami bil-għaqal tal-każi Bibliċi tal-posses-sjoni tad-demonju ma jirrivela xejn li saħansitra jixbaħ b'mod rimot din ix-xorta ta' fenomenu.

Li kien hemm demonji fin-nies, ma hemm l-ebda ċaħda. Mattew 7:22 jirreġistra l-fatt li xi wħud fil-ġudizzju jfakkru lil Ġesù li huma "keċċew id-demonji." F'Mattew 10:1 meta Ġesù għażel lit-tnax Tiegħu, Hu tahom is-setgħa fuq il-mard, u "spirti ħżiena." F'Mark 1:34 jintqal li Ġesù fejjaq lill-morda u "ħareġ għadd kbir ta' demonji li Hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għaliex huma kienu jafu min kien."

F'Mattew 10:8 Ġesù ordna lit-tnax hekk kif huma kienu sejrin għall-missjoni tagħhom. Huma kienu kkmandati: "fejqu l-morda, qajmu l-mejtin, fejqu l-

imġiddmin, keċċu d-demonji.” Mark 3:15 juri l-istess storja. Possessjoni tad-demonji hija msemmija 80 darba fit-Testment il-Ġdid.

## FALLIMENT

Mattew jirreġistra l-falliment fuq il-parti ta’ l-Appostli biex ikeċċu demonju minn tifel (Mattew 17:14-20). Il-missier qal, “…għax marid b’tal-qamar (“epilettiku”) u qiegħed ibati ħafna.” Hu ġabu għand l-Appostli u huma ma kinux jistgħu “jfejquh.” Ħa spirtu qawwi ta’ ġustizzja biex jegħleb l-ispirtu ħażin! Imma Ġesù dan għamlu! Ġesù “hedded bis-sħiħ lid-demonju u dan ħareġ minnu u minn dak il-ħin stess it-tifel fieq.” Ġesù kien L-EŻORĊISTA! Hu keċċa demonji dgħajfa u qawwija, ftit u ħafna. Id-dixxipli ma kinux jistgħu għaliex il-fidi tagħhom kienet debboli. Ġesù qal li kien jieħu talb u sawm biex tikseb is-saħħa biex teżorċità d-demonju/i.

## XI KAŻI BIBLIĊI TA’ POSSESSJONI TAD-DEMONJU/I

(1) Mattew 8:28-34, Mark 5:1-20, Luqa 8:26-39. Mattew hawn isemmi żewg indemonjati, għalkemm Mark u Luqa jitkellmu biss dwar idividwu wieħed. In-natura eżatta ta’ din il-possessjoni hija xi ftit mhux ċerta, imma din tidher li hija xi xorta ta’ ġenn mentali —ir-raġel kien jgħix fl-oqbra, ma kien jilbes ebda lbies, iqatta’ ġismu biż-żrar, u kien b’saħħtu ħafna fiżikament. Huma kienu jidhru li kellhom xi għarfien sopranaturali dwar l-identità ta’ Kristu, l-istess għall-każi li jinsabu f’Atti 19:11-20 u 16:16-18.

(2) Mattew 9:32-34. Hawn insibu raġel maħkum minn demonju u n-natura tal-possessjoni hija ċara—ir-raġel kien *imbikkem*.

(3) Mattew 12:22-28; Luqa 11:14-23. Għal darb' oħra huwa raġel li hu maħkum u għal darb'oħra n-natura tal-possessjoni hija ċara—dan ir-raġel kien *agħma u mbikkem*.

(4) Mattew 15:21-28; Mark 7:24-30. F'dan il-każ in-natura preċiża mhix irrivelata. Iżda mill-istqarrija ta' Mattew, jidher li kienet marda fiżika għax hu jgħid li t-tifla kienet "*imfejqa*".

(5) Mattew 17:14-21; Luqa 9:37-43; Mark 9:17-29. F'dan il-każ tifel żgħir kien maħkum minn demonju. Ir-riżultati kienu illi t-tifel waqa' fin-nar u fl-ilma. Jintqal li hu *kien ibati b'tal-qamar* jew *epilettiku*. Ir-rakkont jgħid ukoll li t-tifel kien joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu. Dan ċertament jidher li kien każ ta' epilessija.

(6) Luqa 4:33-37; Mark 1:21-28. F'dan il-każ l-uniku sintomu li kien imsemmi kien illi r-raġel maħkum mid-demonju kien "mixħut ma' l-art"; Hu kien jista' wkoll jidentifika lil Ġesù.

(7) Luqa 8:1-3. Hawn bosta nisa dixxipli ta' Kristu huma msemmija u jintqal dwarhom li huma kienu maħkuma minn spirti mniġġsa jew ħżiena. Id-dettalji tal-possessjoni tagħhom mhumiex mogħtija, imma l-frażi wżata minn Luqa tpoġġi l-possessjoni fl-*istess kategorija bħala mard*. Marija ta' Magdala kienet waħda min-nisa u dwarha jintqal li bosta xjaten kienu maħruġa minnha.

It-Testment il-Ġdid jirrivela problemi mediċi bħal li wieħed ikun imbikkem (mutu), li jkun agħma, u diżordnijiet mentali kienu f'xi waqtiet *ikkawżati* mid-demonji, imma dawn *ma kinux demonji*. Possessjoni tad-demonji ma kinetx il-marda nfisha. Ikun impossib-bli li tqis il-possessjoni tad-demonju bħala sempliċi-ment marda mingħajr ma tagħmel vjolenza lil lingwa wżata f'kull waqt tat-tkeċċija tad-demonju.

Possessjoni tad-demonju, kif imfissra fit-Testment il-Ġdid, tidher li kkawżat diversi problemi bħal li wieħed ikun mutu, li ma jarax, epilessija, mard mentali, eċċ. Xi skulari jħossu li kull ħaġa li ma kinetx taqbel ma' l-ideat tagħhom ta' normalità kienet im-markata bħala possessjoni tad-demonju. Fi Ġwanni 9: 2, il-Lhud apparentament ħasbu li l-każ lir-raġel kien agħma kien ikkawżat mid-dnub. Huma staqsew lil Ġesù "id-dnub ta' min ikkawża lir-raġel li jitwieled agħma, tiegħu stess jew tal-ġenituri tiegħu." Għal darb'oħra naraw id-drawwa ta' dawn in-nies li japp-likaw ġgrajjiet partikulari għall-possessjoni tad-demonju f'Mattew 11:18. Hemm Ġesù qal li Lhud qalu li Ġwanni l-Battista kien maħkum mix-xitan, minħabba l-mod tiegħu ta' ħajja. Ġwanni għex fid-deżert, kiel ikel stramb u ma kienx jixrob inbid. Għalhekk il-Lhud ikkonkludew li hu kellu demonju.

## MISTOQSIJA

Dawn l-osservazzjonijiet jistgħu jqanqlu lil xi wħud li jistaqsu, "Għaliex Ġesù ma rranġax il-fehma ħażina tagħhom?" It-tweġiba għal din il-mistoqsija għandha tinsab fin-natura tax-xogħol ta' Kristu. Hu ma kienx

tabib tal-ġisem fiżiku imma tabib tar-ruħ. Qatt ma kien l-iskop Tiegħu biex jeduka lil injoranti ta' din id-dinja fil-ħwejjeġ ta' din id-dinja. F'li keċċa d-demonji, Hu wera l-qawwa ta' Alla. Ma kienx neċessarju għal dawk in-nies li jifhmu n-natura tal-mard kollu sabiex jaraw il-wirja ta' dik il-qawwa. Konsegwentament, ma kien hemm ebda raġuni għal Ġesù ħalli jipprova "jirranġa" n-nuqqas tal-fehma tagħhom fil-każi kollha.

## VITTORJA FUQ IS-SALIB

Il-qirda kompluta tas-setgħa ta' Satana fix-xogħol tal-possessjoni tad-demonju, kif ukoll it-twaqqif sħiħ tas-saltna ta' Alla kien dipendenti fuq il-mewt ta' Kristu fuq is-salib. Ġesù assoċċja li Hu jkun merfugħ 'il fuq mill-art maż-żmien meta l-ħakkiem ta' din l-art ikun mixħut 'il barra (Ġwanni 12:31-32). Il-mewt ta' Kristu fuq is-salib ġabet vittorja fuq il-qawwiet kollha tal-ħażen, kif ukoll għamlet possibbli triq għall-maħfra u dħul fis-saltna ta' Alla, il-knisja ta' Kristu. Għalhekk, waqt li kien qiegħed jittratta ma' l-għalliema foloz f'Kolossin li emmnu li l-qawwiet tad-demonju (prinċipati u setgħat) *kienu għadhom jaħdmu jaffettwaw il-ħajja u d-destini tan-nies*, l-appostlu Pawlu wera ċar x'wettqet il-mewt ta' Kristu fuq is-salib dwar dan. Naqraw f'Kolossin 2:15,

> "*Neżża' l-Prinċipati u s-Setgħat, u għa-mel wirja minnhom quddiem id-dinja, u karkarhom warajh fit-trijonf tiegħu bi Kristu.*"

Alla *żarma mill-armi kollha* l-prinċipati u s-setgħat u għamel eżempju publiku minnhom, *jittrijonfa fuqhom* bi Kristu.

Il-kelma Griega tradotta "neżża'" hija *apekduomai* li tfisser li tneħħi għal kollox l-armi ta' dak li jkun (Abbott-Smith, *A Manual Greek Lexicon of the New Testament*, p. 46). It-tifsira hawn hija "iżarma l-qawwiet u s-setgħat, hu poġġihom fil-għajb" ("*apekduoo*," TDNT, II, 319) Il-prinċipati u s-setgħat tad-demonju kienu żarmati fis-salib. "Permezz tal-kurċifissjoni ta' Kristu huma kienu mċaħda mis-setgħat tagħhom" ("*arche*," TDNT, I, 483).

Il-kelma tradotta "trijonf" (*thrimbeuoo*) hija terminu militari "li titrijonfa fuq" jew "li tmexxi f'purċissjoni trijonfali" TDNT, III 159-160). Hawn, din tfisser illi "permezz Tiegħu (Kristu) Hu (Alla) ittrijonfa fuqhom (is-setgħat ostili sopranaturali)"

Waqt li kien qiegħed jitkellem dwar il-vittorja ta' Kristu permezz tal-mewt Tiegħu, l-appostlu Pawlu reġa' uża t-terminoloġija militari: "*Meta tela' fil-għoli, ħa fil-jasar l-ilsiera, u ta doni lill-bnedmin.*" (Efesin 4:8)

Il-verb *aichmalooteuoo* u l-forma tiegħu tan-nom (it-tnejn jiġru f'din is-silta) huma termini militari biex "jaqbdu, tieħu fil-jasar fil-gwerra." Id-doni msemmija f'din is-silta huma d-doni spiritwali ta' l-ewwel seklu, kif Efesin 4 jkompli juri. U l-eżerċtu ta' l-ilsiera msemmija huma l-qawwiet spiritwali tal-ħażen li Kristu rebaħ fuqhom u żarmahom (neħħielhom l-armi kollha) fuq is-salib. Dawn it-termini militari huma hekk użati f'Efesin 4:8 "biex jesprimu s-sottomissjoni

ta' l-ispirti għal Kristu" (*aichmalootos*). Il-qawwiet imxajtna tal-ħażen kienu megħluba u żarmati bil-mewt ta' Kristu. Kristu issa mar "fis-smewwiet u qiegħed fil-lemin ta' Alla, bl-anġli, awtoritajiet (*exousioon*), u setgħat (*dun-ameoon*) suġġetti għalih" (1 Pietru 3:22; ara Efesin 1: 20-21).

It-telfa tax-Xitan bdiet bit-telfien tad-demonji. Ġesù keċċa 'l barra d-demonji u kellu s-setgħa fuq id-demonji. Tnejn maħkuma mid-demonji f'Gadarin staqsew, "*Aħna x'għandna x'naqsmu, Bin Alla?" Ġejt int biex taħqarna qabel iż-żmien?*" (Mattew 8:28-29).

Ġesù ġie biex jeqred lix-Xitan u l-egħmejjel tiegħu (Ġwanni 12:31); "Il-ġudizzju, għax *il-prinċep ta' id-dinja huwa ġa kkundannat*" (Ġwanni 16:11).

Kif juri Charles Hodge, hemm distinzjoni neċessarja u Biblika bejn li tkun 'possessat mid-demonju' u 'użat mid-demonju.' Satana juża d-demonji llum fil-gwerra tiegħu kontra l-bnedmin. Imma huma *ma jistgħux* javviċinaw lin-nies direttament. Huma jistgħu jittantaw u jingannaw imma mhux iġagħalu bil-fors. Midneb huwa "wieħed użat mix-xitan" imma mhux "imġiegħel bilfors" mix-xitan. F'din id-definizzjoni ta' influwenza tad-dnub il-midinba kollha huma "mimlija bid-demonju." Bid-dnub—mhux bilfors!

Dan isolvi l-problema preżenti tagħna. Demonoloġija, rieqda għal snin, issa hija ħajja u qed tbiegħ ħafna kotba. Inti tisma' gwerer, katastrofi, kankru, mard mentali, immoralità attribwiti għall-possessjoni tad-demonju. Xi "kleriċi reliġjużi" issa jaffermaw li huma raw u keċċew id-demonji. **Imma dan, bir-rispett kol-lu lejhom, mhuwiex veru!**

## X'INHU X-XOGĦOL TAX-XITAN?

L-appostlu Pietru jiddeskrivi lix-xitan bħala "ljun igħajjat, idur, ifittex lil min jibla'" (1 Pietru 5:8). Ix-xitan tabilħaqq ifittex biex jidħol fil-qlub u fir-ruħ ta' rġiel u nisa u jieħu possessjoni ta' ħajjithom. Imma din "il-possessjoni tad-demonji" m'għandha x'taqsam xejn ma' iġsma minfuħa, sodod jittajjru, xugamani jaqbdu, jew skieken itiru, kliem ħażin u dagħa. Dan għandu x'jaqsam mad-dnub!

L-appostlu Pawlu jagħti deskrizzjoni qawwija tax-xogħol reali tax-xitan f'Galatin 5:19-21. Hemm huwa jsemmi sbatax "egħmejjel tal-ġisem", li huma: żina, adulterju, faħx, tbaħrid, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, ġelosija, għadab, ambizzjoni, firda, ereżija, għira, qtil, sokor, u xalar. U mbagħad hu jagħlaq dik il-lista bil-frażi "u ħwejjeġ bħal dawn." Seħer hija l-prattika tal-ħażen minn sħaħar, jew nies li *jissopponu* li kienu ġew mogħtija setgħa jew setgħa mibjuha mid-demonju(i). Xogħol mhux żbaljat tax-xitan huwa li ġġiegħel, tinganna, jew tħajjar lil irġiel u nisa biex jikkommettu d-dnub. Dan hu dak kollu li dwaru huwa l-Evanġelju. U dak huwa li l-knisja suppost għandha tikkumbatti.

Il-periklu tal-film *L-Eżorċista* (*The Exorċist*) huwa li dan juri l-ħażen u x-xogħol tax-xitan bħala li huma fiżiċi u 'l fuq mill-kontroll ta' dik il-persuna li tkun maħkuma. Ix-xogħol reali tax-xitan huwa l-attakk fuq ir-ruħ tal-bniedem. Jintqal lilna: "*Ieqfulu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom*" (Ġakbu 4:7). Ix-xitan huwa qaw-wa li wieħed jista' jirreżistiha, jista' jieqaflu jekk hu-

wa jħaddan il-grazzja ta’ Alla bil-fidi u s-sottomissjoni. Dan juri li x-xitan ma jistax jaħkem persuna bilfors għaliex jekk dik il-persuna tieqaflu dan m’għandu l-ebda saħħa!

## XI NGĦIDU DWAR ILLUM?

Xi ngħidu dwar illum? Għadhom id-demonji jgħammru fl-iġsma tan-nies? Huma n-nies ippossessati jew maħkuma mid-demonju? Jidħol id-demonju nnifsu fin-nies u jittantahom u jmexxihom fit-triq il-ħażina? Il-possessjoni tad-demonju ġrat qabel iż-żmien Kristjan ta’ l-istorja Lhudija?

X’tgħid il-Bibbja? Dak kollu li aħna nistgħu nkunu nafu u nemmnu huwa dak li Alla, permezz tal-Kelma Tiegħu kien lest li jirrivela għalina (Rumani 10:17).

Il-ħwejjeġ li mhumiex irrivelati lilna mhumiex meħtieġa għalina li nkunu nafuhom; dawn għandhom jibqgħu moħbija fil-postijiet ta’ l-għarfien Divin (Dewteronomju 29:29). L-appostlu Pawlu kiteb li aħna għandna nkunu “sempliċi għal dak li hu ħażin” (Rumani 16:19) u biex “inwarrbu kull xorta ta’ ħażen” (1 Tessalonikin 5:22). Mhuwiex ta’ profitt għall-bniedem li jidħol fil-fond tal-misteri tal-ħażen li ma kinux irrivelati fil-Kelma ta’ Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

Id-demonju hu reali (1 Pietru 5:8). Hu jittantana (1 Korintin 10:13); huwa ttanta lil Ġesù biex jagħmel il-ħażen (Mattew 4:1-11).

Imma xi ngħidu dwar l-eżorċiżmu? Irid il-Mulej din il-prattika llum? Jagħti l-Mulej LILNA struzzjoni biex inkeċċu d-demonji ’l barra min-nies? Jekk iva, KIF? Fejn huma l-istruzzjonijiet? MIRAKLI!!! Imma,

dawn spiċċaw. Huma servew l-iskop tagħhom (1 Korintin 10:8-10). L-iskop tal-mirakli kien prova tal-messaġġ ta' l-Evanġelju qabel ma dan kien miktub fil-Bibbja Mqaddsa. Issa, aħna għandna l-KELMA fil-Bibbja. Il-mirakli mhumiex aktar meħtieġa—lanqas eżerċitati llum mill-poplu tal-Mulej. L-eżorċiżmu llum jista' jkun ipprattikat mill-poplu tal-Mulej biss permezz tat-tagħlim tal-Kelma u li tħobb lill-midneb sakemm il-mitluf ikun mimli b'Ġesù u jeħles lilu nnifsu minn dnubietu f'ubbidjenza lejn l-Evanġelju (Atti 2:38; 2 Korintin 5:17).

## XI MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET DWAR ID-DEMONOLOĠIJA U L-EŻORĊIŻMU

**1.** Għaliex huwa importanti li "l-aġenzija ħielsa morali" tal-bniedem ma tkunx imfixkla?
**Tweġiba:** L'iskop ta' Alla f'li ħalaq lill-bniedem ikun meqrud. Il-bniedem għandu jkun ħieles biex jagħżel u biex jerfa' l-konsegwenzi ta' l-għażliet tiegħu. Inkella aħna nsiru pupi mekkaniċi bl-ebda xebħ li nkunu fix-xbieha ta' Alla.

**2.** Għaliex Alla jħalli lid-demonji jeżistu?
**Tweġiba:** L-ewwel fost kollox, biex juri l-qawwa totali ta' Kristu fuq il-qawwiet *kollha*—fiżiċi, mhux fiżiċi u meta-fiżiċi. It-tieni, dan kien biex jipprovdi lill-bniedem b'għażla ħalli b'hekk il-mirakli ta' Kristu ma jaħkmux lin-nies ta' dak iż-żmien u jeqirdu l-aġen-zija ħielsa tagħhom. Dan hu għaliex id-demonji ma jinsabux fit-Testment il-Qadim jew fid-dinja tal-lum.

**3.** Huwa l-iskop ta' din il-kitba tiegħi biex ngħid li nies ma jistgħux ikunu kkontrollati minn Satana?
**Tweġiba:** L-iskop huwa biss biex nuri li persuna tagħti lilha nfisha lil Satana hija ħaġa **volontarja**, li hija tista' tkun miġjuba lura, u mhux ix-xorta ta' fenomenu li aħna naqraw dwaru fil-każi Bibliċi tad-demonoloġija u eżorċiżmu.

4. X'kuntrast jeżisti bejn il-metodi użati fl-eżorċiżmu fil-Bibbja, u dawk magħmula llum?
**Tweġiba:** a) Ħin—f'daqqa waħda fil-Bibbja—siegħat għall-ġimgħat u aktar illum. Metodu—kmand kontra ritwal tal-lum. Setgħa—għal kollox fuq l-awtorità ta' Kristu fil-Bibbja—kredenzjali umani enfasizzati llum.

**5.** X'karatteristiċi kellhom in-nies maħkuma mid-demonju fil-Bibbja li jidhru u huma mifhuma bħala naturali llum?
**Tweġiba:** Konvulżjonijiet kif jidhru fl-epilessija. Nuqqas ta' dawl li jista' jkun fiżikament jew psikoloġikament. Nuqqas ta' smigħ jista' jkun fiżiku jew ikkawżat psikoloġikament.

6. X'xebħ hemm bejn demonoloġija u eżorċiżmu, u l-kustjoni kollha tal-mirakli?
**Tweġiba:** Iż-żewġ fenomeni kienu maħsuba biex iwettqu skop li llum m'għadux validu.

7. Kien Ġob maħkum jew ippossessat mid-demonju?
**Tweġiba:** Le! Satana ħaqar lil Ġob, imma hu qatt ma kien jista' li jikkontrolla dak li Ġob għamel. Ġob sata'

"seħet lil Alla u miet" kif il-mara tiegħu ħeġġitu biex jagħmel."

**8.** X'wegħdiet huma mogħtija li huma inkompat-tibbli mal-possessjoni tad-demonji?
**Tweġiba:** Ieqaf lix-xitan u hu jaħrab minnek (Ġakbu 4:7). Alla jipprovdi triq ta' kif teħles (1 Korintin 10: 13). Satana qiegħed marbut b'katina (Rivelazzjoni 20: 1, 2). Ġesù kien imġarrab bħalna f'kollox (Lhud 4:15).

9. Għaliex nies jistqarru li jkunu maħkuma mid-demonji?
**Tweġiba:** F'xi każi, huma jkunu sinċerament megħluba għal kollox bil-ħajja u l-problemi tagħha. F'xi każi oħra, huma ma jkunux iridu li jkunu responsabbli għal dak li jkunu għamlu. Waqt li f'xi każi oħra, huma jkunu meħudin għal kollox emozzjonalment minn oħrajn f'li jemmnu li huma fil-bżonn ta' għajnuna speċjali, jiġifieri, għajnuna minn eżorċista.

## KIF "TEŻORĊITA" D-DNUB MINN ĦAJTEK

Għaraf li inti dnibt u l-bżonn tiegħek għal Alla. Aqra *Rumani 3:23*; *Mattew 1:21*. Tgħallem ir-rieda ta' Alla billi taqra jew tisma' l-Kelma Tiegħu. L-Evan-ġelju huwa l-aħbar it-tajba tal-maħfra permezz tad-demm ta' Ġesù. Aqra *Rumani 1:16; Rumani 10:17*; *Ġwanni 6:45*. Emmen f'Ġesù Kristu bħala l-Iben ta' Alla. Kristu Hu l-unika triq għal Alla. Aqra *Atti 4:12*; *Lhud 11:6*; *Mark 16:16*; *Ġwanni 8:24*.

Għalkemm il-fidi hija neċessarja, fidi weħida ma tistax issalva barra mill-ubbidjenza. Aqra *Ġakbu 2:17-26*; *Lhud 5:9*. Idde-termina biex iddur mid-dnub u ċċedi ħajtek lil Kristu. L-indiema hija ħaġa li ma tistax tgħaddi mingħajrha. Aqra *Luqa 13:3*; *Atti 2:38*; *17:30*. Stqarr lil Kristu bħala l-Iben ta' Alla. Stqarr b'fommok fil-preżenza ta' xhieda. *Aqra Mattew 10:32*; *Rumani 10:9-10*. Billi b'hekk int tkun mitt għad-dnub, idfen il-bniedem il-qadim fl-ilmijiet tal-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet kollha tal-passat. Aqra *Rumani 6:3-4,16-17*; *Mark 16:15-16*; *Atti 2:38; 1 Pietru 3:21*; *Atti 10:48*.

Alla, bil-grazzja u l-ħniena Tiegħu, u hekk kif int tkompli għalkollox l-ubbidjenza tiegħek għall-Evanġelju kif muri fuq, wiegħed dawn il-barkiet: Maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38; Atti 22:16). Dħul fi Kristu (Galatin 3:26-27; Rumani 6:3-4; Efesin 1:3). Dħul fil-knisja ta' Kristu, il-ġisem Tiegħu. (Kolossin 1:18; 1 Korintin 12:12-13; Atti 2:47). Dħul fil-familja ta' Alla; Hu l-Missier, int l-iben jew il-bint (Galatin 3: 26-27). Il-privileġġ tat-talb permezz ta' Kristu (Atti 2: 42; 1 Timotju 2:5; Lhud 4:14-16). Il-privileġġ ta' l-Ikla tal-Mulej fl-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20:7). It-tama ta' dar fis-smewwiet wara l-mewt (2 Pietru 1:1-11).

Nagħlaq bi kliem il-Mulej Innifsu dwar dan is-suġġett fejn qal:

> "Mhux kull min igħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm

> ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, mhux f'ismek ħabbarna aħna? *U mhux f'ismek keċċejna d-demonji u f'ismek għamilna ħafna mirakli?* Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont naf-kom! Warrbu minn quddiemi, *intom li tagħmlu l-ħażen*!" (Mattew 7:21-23).

Dan juri ċar li llum dawn il-ħwejjeġ spiċċaw kemm l-eżorċiżmu kif ukoll il-mirakli għaliex kieku l-Mulej ma kienx jgħid dan il-kliem! U jekk xi ħadd ma jaqbilx ma' dan, mhux lili għandu jwieġeb imma lill-Mulej għaliex kien Hu li qalu dan il-kliem u mhux jien!

## SATANA

### (Ir-raba' parti)

Fil-Bibbja Satana huwa msemmi ħafna drabi—xi kultant bl-isem ta' Satana u f'xi drabi oħra b'ħafna ismijiet oħra. Hemm raġuni tajba għaliex l-Iskrittura turi lil Satana b'ħafna modi u ismijiet. Jekk aħna għandna nieqfu lil għadu. Aħna għandna nkunu nafu

sewwa dwaru. Il-Bibbja li hija l-Kelma ta' Alla tagħtina l-inf-ormazzjoni kollha li aħna neħtieġu biex ikollna stam-pa ċara ta' l-oriġini, il-karattru u d-destin ta' Satana.

Ġesù qal mhux ħażin dwar Satana. Ħalli naraw x'qal Ġesù dwar Satana.

A.

1. Ġesù sejjaħlu "l-għadu" – "*U **l-għadu** li żeragħ-ha **huwa x-xitan***" (Mattew 13:39).
2. Ġesù sejjaħlu wkoll "il-Ħażin" – "*Is-sikrana hu-ma wlied il-Ħażin*" (Mattew 13:38).
3. Il-Prinċep ta' din id-dinja – "*Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jtkeċċa l-**prinċep ta' din id-dinja**. U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja*" (Ġwanni 12:31-32).
4. Ġesù sejjaħlu "qattiel, giddieb, u missier il-gideb – "*Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu. U dak kien **qattiel** sa mill-bidu, u qatt ma żamm mal-verità, għax il-verità ma tinsabx fih. Meta jigdeb, ikun qiegħed jitkellem talli hu, għax dak **giddieb u missier il-gideb***" (Ġwanni 8:44).
5. Ġesù qal li rah jaqa' bħal berqa mis-sema – "*Iva, jien kont **narah lix-Xitan jaqa' bħal berqa mis-sema***" (Luqa 10:18).
6. Ġesù wkoll qal li hu għandu saltna — "*Mela jekk **ix-xitan** ikeċċi x-xitan, iġib firda fih*

*innifsu; għalhekk kif se żżomm wieqfa **s-saltna tiegħu**?*" (Mattew 12:26).

7. Qal ukoll li x-xitan jisraq il-Kelma mis-sem-miegħa – "*Kull min jisma' l-kelma tas-saltna u ma jifhimhiex, jersaq **il-Ħażin u jisraqlu** dak li jkun inżera' f'qalbu…*" (Mattew 13:19).
8. Ġesù qal dwar ix-Xitan li hu rabat mara għal tmintax-il sena – "*U mela għax illum is-Sibt, din il-mara, bint Abraham, ma kellhiex tinħall mill-irbit li fih ix-xitan ilu jżommha għal tmintax-il sena sħaħ?*" (Luqa 13:16).
9. Ġesù qal ukoll lix-xitan xtaq li jieħu ll Pietru: "*Xmun, Xmun! Ara, **ix-xitan** riedkom f'idejh biex igħaddikom mill-għarbiel bħall-qamħ imma jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa…*" (Luqa 22:31).
10. Ġesù jgħidilna lix-xitan għandu l-anġli tiegħu – "*Imbagħad jgħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn quddiemi misħutin, fin-nar ta' dej-jem li thejja għax-xitan u għal **l-anġli sħabu***" (25:41).

B.

Il-Bibbja turi lil Satana bħala:

11. It-Tentatur – "*U resaq **it-tentatur** u qallu: 'Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż*" (Mattew 4:3).
12. Il-Prinċep tad-demonji – "*Imma l-Fariżej, meta semgħu hekk, qalu: 'Dan mhux ħlief bis-saħħa ta' Begħelżebul, **il-Prinċep tad-demonji**, li qie-*

*għed ikeċċi d-demonji*" (Mattew 9:34; 12:24; Mark 3:22; Luqa 11:15).

13. L-għajn tal-possessjoni tad-demonji – (Ara Mattew 12:22-29; Luqa 11:14-23).
14. Li hu poġġa t-tradiment fil-qalb ta' Ġuda – "*Kienu qegħdin għal l-ikla.* ***Ix-xitan*** *kien ġa webbel lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota u daħħallu f'rasu li jittradih…Ġuda ħa l-biċċa ħobż u daħal fih ix-xitan*" (Ġwanni 13:2, 7).
15. Li hu jaqleb l-Iskrittura – "*Iżda Ġesù wieġbu: 'Hemm miktub: Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla'*" (Mattew 4:4; Luqa 4:10-11).
16. Li hu l-alla ta' din id-dinja – "*Dawk li* ***l-alla ta' din id-dinja*** *dallmilhom il-moħħ tagħhom nieqes mill-fidi, biex ma jarawx jiddi d-dawl ta' l-Evanġelju glorjuż ta' Kristu, li hu x-xbieha ta' Alla*" (2 Korintin 4:4).
17. Li l-prinċep tas-saltna ta' l-ajru – "*Intom li kontu mejtin bi dnubietkom u ħtijietkom, skond il-prinċipji ta' din id-dinja, skond* ***il-prinċep tal-ħakma ta' l-ajru****, ta' l-ispirtu li bħalissa qiegħed jaħdem fost dawk li ma jisimgħux…*" (Efesin 2:1-2).
18. Li jibdel lilu nnfisu f'anġlu tad-dawl – "*Mhux għaġeb għas Satana stess* ***jitbiddel f'anġlu tad-dawl***" (2 Korintin 11:14).

19. Li hu l-għadu tagħna – "*Kunu meqjusa u għassu.* ***L-għadu*** *tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idu u jfittex 'il min sa jibla'*" *(1 Pietru 5:8).*

20. Li hu l-qarrieq tad-dinja kollha – "*U ġie mwaddab id-dragun il-kbir, is-serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-demonju u x-xitan,* ***il-qarrieq tad-dinja kollha****…*" (Rivelazzjoni 20:3, 8, 10).

21. Li hu jaħrab jekk tiqaflu – "*Mela oqogħdu għarrieda ta' Alla. Ieqfulu lix-xitan, u hu* ***jaħrab*** *minnkom*" (Ġakbu 4:7).

22. Li hu kkaġuna x-xewka f'ġisem l-appostlu Pawlu – "*U li ma mmurx nintefaħ bija nnifsi minħabba fil-kobor tar-rivelazzjonijiet, tqegħditli* ***xewka f'ġismi, messaġġiera tax-xitan****, biex toqgħod tniggiżni ħalli ma nintefaħx*" (2 Korintin 12:7).

23. Li fixkel il-pjanijiet missjunari ta' l-appostlu Pawlu – "*Għallhekk ridna niġu għandkom, jien, Pawlu, għal darba darbtejn; imma* ***x-xitan fixkilna***" (1 Tessalonikin 2:18).

24. Ikkaġuna lil Ħananija biex jigdeb – "*Imma Pietru qallu: 'Ħananija, dan kif ħallejt* ***lil Satana*** *jidħollok f'qalbek* ***biex gdibt*** *lil l-Ispirtu s-Santu …*" (Atti 5:3).

25. Li hu dallam il-moħħ ta' dawk li ma jemmnux – "*Dawk li l-alla ta' din id-dinja* ***dallmilhom il-moħħ tagħhom*** *nieqes mill-fidi, biex ma jarawx jiddi d-dawl ta' l-Evanġelju glorjuż ta' Kristu, li hu x-xbieha ta' Alla*" (2 Korintin 4:4).

26. Għalliema foloz huma sinagoga tax-Xitan – "*Jiena naf it-taħbit u l-faqar tiegħek, għad li inti għani; u naf kemm jinfamawk dawk li jgħidu li huma Lhud mingħajr ma huma, meta huma* ***sinagoga tax-Xitan***" (Rivelazzjoni 2:9; 3:9).

*27.* Li hu l-ispirtu ta' l-apostasija u jista' jipproduċi mirakli foloz – "*Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u* ***jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz****, u jinqeda b'kull xorta ta'qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnnux u ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw ruħhom*" (2 Tessalonikin 2:9-10).

28. Li hu qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min se jibla' iżda jkun imrazzan permezz tal-fidi – "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom* ***ix-xitan qisu ljun igħajjat****, idu u jfittex 'il min sa jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi*" (1 Pietru 5:8).

29. Li hu malizzjuż, iqarraq – "*Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu* ***għat-tnassis tax-xitan***" (Efesin 6:11).

30. Li hu l-ispirtu li jaħdem fid-dużubbidjenti – "*Intom li kontu mejtin fi dnubietkom u ħtijietkom, skond il-prinċipji ta' din id-dinja, skond il-prinċep tas-saltna ta' l-ajru, ta' l-ispirtu li bħallissa qiegħed jaħdem fost dawk* ***li ma jisimgħux****…*" (Efesin 1:1-2).

31. Hu kien li wassal lil David biex jidneb – "*U Satana qam għal Iżrael, **u għewa** lil David biex igħodd lil Iżrael*" (1 Kronaki 21:1).
32. Hu kien li kkawża l-inkwiet ta' Ġob – (Ġob 1: 7—2:10)
33. Hu kien l-avversarju ta' Ġożwè – (Żakkarija 3:1-9)
34. Hu jieħu vantaġġ mill-Kristjan – "*Meta intom taħfru lil xi ħadd, naħfirlu jiena wkoll. Meta jien naħfer—jekk ħfirt xi ħaġa—ħfirtha minħabba fikom quddiem Kristu, biex ma jegħlibnix ix-xitan, għax nafu x'inhuma l-ħsibijiet tiegħu*" (2 Kor-intin 2:10-11).
35. Nies ħżiena huma l-ulied tiegħu – "*Iżda **min jagħmel id-dnub ġej mix-xitan**, għax ix-xitan dineb sa mill-bidu. Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-xitan. Kull min huwa mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub, għax iż-żerriegħa ta' Alla tibqa' fih; ma jistax jidneb, hu, li hu mwieled minn Alla. F'dan jidhru min huma wlied Alla u min huma wlied ix-xitan: għax min ma jagħmilx il-ġustizzja mhuwiex minn Alla, anqas minn ma jħobbx lil ħuh*" (1 Ġwanni 3:8-10).

Hemm tassew Xitan? Il-lingwa ta' Ġesù ċertament li tindika t-twemmin Tiegħu stess fl-eżistenza ta' xitan personali. Ġesù kien jaf dwar xhiex kien qiegħed jitkellem. Kieku Ġeesù kien qiegħed sempliċiment iservi Lilu Nnifsu skond l-iżball

popolari, il-Kliem Tiegħu Nnifsu mhuwiex rivelazzjoni tal-verità, għax min, imbagħad ikun jista' jifhem u jara bejn il-verità tassew li ħu qiegħed jimmira biex igħallem u l-iżball li Hu qiegħed jitkellem dwar bħallikieku dan kien verità?

## IL-ĦAFNA ISMIJIET TIEGĦU

Satana għandu ħafna suriet li jinħeba warajhom, li huwa għaliex aħna kultant niskantaw bil-ħafna ismijiet li l-Bibbja tagħtina għalih. Hemm madwar tlieta-u tletin isem mogħtija lil Satana.

Żewġ ismijiet huma l-aktar ismijiet popolari li huma mogħtija lilu fl-Iskrittura:

- **Satana** – (Ġob 1:6-12; 2:1-7; Żakkarija 3:1-2; Mattew 4:10; 12:26; 16:23; Mark 1:13; 3:23, 26; 4:15; 8:33; Luqa 10:18; 11:18; 13:16; 22:3, 31; Ġwanni 13:27; Atti 5:3; 26:18; Rumani 16:20; 1 Korintin 5:5; 7:5; 2 Korintin 2:11; 11:14; 12:7; 1 Tessalonikin 2:18; 2 Tessalonikin 2:9; 1 Timotju 2:20; 5:15; Rivelazzjoni 2:9, 13, 24; 12:9; 20:2, 7).
- **Ix-xitan** – (Mattew 4:1, 5, 8, 11; Mattew 13:39; 25:41; Luqa 4:2-3, 5, 9, 13; 8:12; Ġwanni 8:44; 13:2; Atti 10:13:10; Efesin 4:27; 6:11; 1 Timotju 3:6-7; 2 Timotju 2:26; Lhud 2:14; Ġakbu 3:15; 4:7; 1 Pietru 5:8; 1 Ġwanni 3:8, 10; Ġuda 9; Rivelazzjoni 2:10; 12:9, 12; 20:2, 10).
- Xi verżjonijiet tal-Bibbja, bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, jużaw il-kelma "xjaten" (devils) fil-plural f'Ġakbu 2:19 (xjaten) u versi oħrajn imma

dan huwa żball għaliex "xitan" hemm *wieħed* biss, u l-kelma għandha tkun "demonji" jew "demonju" kif insibu fit-2 Korintin 10:20-21, li huma l-messaġġiera tax-xitan li hu Satana!

Satana hu magħruf ukoll b'dan l-ismijiet "proprji":

- **Abaddon** – (Rivelazzjoni 9:11)
- **Apolljon** – Qerriedi – (Rivelazzjoni 9:11)
- **Begħelżebul** – (Mattew 10:25; 12:24; Mark 3: 22; Luqa 11:15, 18-19)
- **Beljal** – Letteralment: "ma jiswa' għal xejn" – (2 Korintin 6:15)
- **Liwjatan** – (Isaija 27:1)

F'bosta każi, Satana hu mogħti l-ismijiet ta' annimali jew kreaturi:

- **Is-serp** – (Ġenesi 3:1-2, 4, 13-14; 2 Korintin 11:3; Rivelazzjoni 12:9, 14-15)
- **Is-serp tal-qedem** – (Rivelazzjoni 12:9; 20:2).
- **Is-serp ħafif** – (Isaija 27:1)
- **Is-serp imagħwweġ** – (Isaija 27:1)
- **Id-dragun** – (Rivelazzjoni 12:4, 7, 13, 16-17; 20:2)
- **Dragun kbir aħmar** – (Rivelazzjoni 12:3)
- **Id-dragun il-kbir** – (Rivelazzjoni 12:9)
- **Il-mostru tal-baħar** – (Isaija 27:1)
- **Il-lupu** – (Ġwanni 10:12)

Xi wħud mill-ismijiet deskrittivi tiegħu jagħtu għarfien fis-setgħa tiegħu:

- **Anġlu ta' l-Abbissi** – (Rivelazzjoni 9:11)

- **L-alla ta' dan iż-żmien** – (2 Korintin 4:4)
- **Il-prinċep tad-demonji** – (Mattew 9:34; 12:24; Mark 3:22; Luqa 11:15).

  Ukoll hawn tajjeb li nerġa' nfakkar li l-verżjoni-jiet tal-Bibbja bil-Malti f'dawn l-Iskritturi koll-ha jġibu, b'mod żbaljat, "xjaten" jew "xitan" flok "demonji" jew "demonju." **Il-prinċep ta' din id-dinja** (Ġwanni 12:31; 14: 30; 16:11)
- **Il-prinċep tas-saltna ta' l-ajru** (Efesin 2:2)

Ismijiet deskrittivi oħra jagħtu għarfien fil-karattru tie-għu (jew nuqqas fih):

- **Ix-xellej ta' ħutna** (Rivelazzjoni 12:10
- **L-għadu** – (Mattew 13:39; Luqa 10:19; 1 Tim-otju 5:14)
- **L-għadu tiegħek** – (1 Pietru 5:8)
- **Giddieb** – (Ġwanni 8:44)
- **Il-missier tal-gideb** – (Ġwanni 8:44)
- **Il-ħażin [bla liġi]** – (2 Tessalonikin 2:8-9)
- **Qattiel** – (Ġwanni 8:44)
- **It-tentatur** – (Mattew 4:3; 1 Tessalonikin 3:5)
- **Il-ħalliel** – (Ġwanni 10:10)

Imma, forsi hemm isem wieħed li jiġbor fih dak kollu li huwa hu:

- **Il-ħażin** – (Mattew 5:37; 6:13; 13:19, 38; Ġw-anni 17:15; Efesin 6:16; 2 Tessalonikin 3:3; 1 Ġwanni 5:18-19)

# IS-SETGĦA TA' SATANA
## (Il-ħames parti)

1. **2 Korintin 11:13-15** – *"Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. Mhux għaġeb, għax* ***Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl****. Mhix xi ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skond għemilhom."*
2. **2 Tessalonikin 2:9-12** – *"Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u jagħmel* ***kull xorta*** *ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz, u jinqeda* ***b'kull*** *xorta ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw ruħhom. Għalhekk Alla qed jibagħtilhom kontrihom qawwa qarrieqa biex jemmnu l-gideb, ħalli b'hekk dawk kollha li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen, ikunu ikkundannati."*
3. **Mattew 24:24** – *"Għax għad jitfaċċaw ħafna messijiet foloz u profeti foloz, u jibdew jagħmlu sinjali kbar u għeġubijiet biex iqarrqu, jekk jista' jkun, imqar bil-maħturin."*
4. **Mattew 7:21-23** – *"Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen."*
5. **Ġakbu 4:7** – *"Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla. Ieqfu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom."* – **Kif**?
6. **Efesin 6:10-18** – (aqra għat-tweġiba).
   a. Pawlu jsejjaħ lil Satana bħala "l-alla ta' din id-dinja":

b. **2 Korintin 4:3-4** – "*Jekk imbagħad l-Evanġelju tagħna jibqa' mistur, jibqa' mistur għal dawk li jintilfu; dawk li* ***l-alla*** *ta' din id-dinja dallmilhom il-moħħ tagħhom nieqes millfidi, biex ma jarawx jiddi d-dawl ta' l-Evanġelju glorjuż ta' Kristu, li hu xbieha ta'* ***Alla****.*"

c. **Efesin 2:1-2** – "*Intom li kontu mejtin bi dnubietkom u ħtijietkom, skond il-prinċipji ta' din id-dinja;* ***skond il-kap tas-saltna ta' l-ajru****, ta' l-ispirtu li bħalissa qiegħed jaħdem fost dawk li ma jisimgħux....*"

36. **1 Pietru 5:8-9** – "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi.*"

37. **Ġuda 6** – "*U lil dawk l-anġli li ma beżgħux għal posthom u telqu mnejn kienu jgħammru, huwa żammhom* ***marbuta*** *għal dejjem f'qiegħ id-dlamijiet għall-ħaqq tal-jum il-kbir.*"

38. **2 Pietru 2:4** – "*Jekk Alla ma ħafirhiex lil l-anġli li dinbu, imma tafagħhom fil-ħofor mudlama ta' l-infern biex hemm jinżammu sa jum il-ġudizzju.*"

**Xi ngħidu dwar Satana?**

39. **Ġwanni 12:31** – "*Il-****ġudizzju*** *ta' din id-dinja qiegħed isir* ***issa****.* ***Issa*** *se jitkeċċa l-prinċep ta' din id-dinja.*"

40. **Ġwanni 16:1-11** – v. 11 – "***Il-ġudizzju****, filli l-prinċep ta' din id-dinja huwa* ***ġa*** *ikkundannat.*"

a. "*ġa*" għaliex il-ġudizzju qiegħed isir **issa!**

41. **Lhud 2:10-18** – v. 14, 15 – "*Billi l-ulied għandhom l-istess demm u ġisem, Ġesù wkoll bl-istess mod sar bħalhom, biex* ***b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri x-xitan****. U jeħles 'il dawk kollha li, minħabba filbiża' tal-mewt, kienu mjassrin għal għomorhom kollu.*"

42. **Kolossin 2:13-15** – "*Kontu mejta minħabba dnubietkom u għax ma kellkomx iċ-ċirkonċiżjoni f'ġisimkom; imma issa Alla takom il-ħajja flimkien ma' Kristu: ħafrilna dnubietna kollha. Ħassar il-kont tad-dejn li kellna bl-obbligi li kien hemm kontrina; neħħieh min-nofs u sammru mas-salib.* **Neżża' l-prinċipati u s-setgħat, u għamel wirja minnhom quddiem id-dinja, u karkarhom warajh fit-trijonf tiegħu bi Kristu**" (ara 1 Korintin 15:54-57).

43. **Mattew 12:22-29** – (v. 29) – "*U kif jista' wieħed jidħol fid-dar ta' bniedem b'saħħtu u jaħtaflu ġidu* ***jekk qabel ma jkunx <u>rabtu</u>****? U hekk imbagħad id-dar jaħtafhielu żgur.*"
    a. Ġesù daħal fid-dar ta' Satana (ir-raġel b'saħħtu) u keċċa xitan.
    b. B'hekk wera li **HU <u>RABAT</u> LIL-SATANA**.
    c. Illum Satana jinsab marbut u llimitat.
    d. L-istess kif wieħed ikollu kelb għal bidu l-kelb ikun mingħajr iċ-ċinga jiġri fejn irid imma wara sidu jorbtu biċ-ċinga u l-kelb

ikun illimitat fil-ġiri tiegħu skond it-tul taċ-ċinga.

e. Hekk ukoll Satana hu llimitat.

12. **Rivelazzjoni 20:1-2** – "*U rajt nieżel mis-sema anġlu, bil-muftieħ tal-bir bla qiegħ u katina kbira f'idu. U huwa qabad id-dragun, is-serp tal-qedem, li hu d-Demonju u Xitan,* ***u rabtu għal elf sena, u waddbu fil-bir bla qiegħ, li mbagħad għalqu fuqu u ssiġillah biex ma jqarraqx iżjed bil-ġnus sa ma jintemmu l-elf sena.*** *Wara dawn imbagħad ikun meħtieġ li jinħall għal ftit taż-żmien.*"

13. **Rivelazzjoni 10:7-10 = 1 Kor. 15:51-58.**

# SATANA DIĠA' TILEF IL-GWERRA TIEGĦU KONTRA ALLA

**(Is-sitt parti)**

**A. Satana mhuwiex "kreatura ħamra, b'denb twil, bil-qrun, iżomm furkettun" – 2 Korintin 11:14**

**B. Id-dinja midinba hija d-dominju ta' Satana – (Ġob 1:7; 1 Pietru 5:8)**

- Ħakkien ta' din id-dinja tal-ħażen – (Ġwanni 12:31; 14: 30; 16:11)
- Prinċep tal-qawwa ta' l-ajru – (Efesin 2:2)
- L-alla ta' din id-dinja – (2 Korintin 4:4)
- Hu jwiegħed lid-dinja lil dawk li jobduh – (Mat-tew 4:8-9)
- Id-dominju tiegħu huwa dinja midinba taħt set-għa ħażina – (1 Ġwanni 5:19)
- Alla Hu aktar setgħan minn Satana – (1 Ġwanni 4:4 – "akbar hu Dak…"
- Satana jaħkem id-dinja permezz tal-qerq u d-dnub, mhux leġittament minn Alla – (Rivelazz-joni 12:9)

**Ċ. Il-Gwerra ta' Satana kontra Alla hija għal dom-inju jew drittijiet ta' proprjetà tar-ruħ tiegħek!**

- Satana jirbaħ lir-ruħ tiegħek l-ewwel darba li inti tidneb!
- Alla xtrana minn Satana bid-demm – (1 Korin-tin 6:20; 7:23; Atti 20:28; 1 Pietru 1:18; 2 Pietru 2:1; Rivelazzjoni 5:9)
- Darba li aħna Kristjani, Satana jidħol fi gwerra magħna jipprova biex aħna nċedu – (Efesin 6: 10-18; 4:27)

- Satana jinsab fi gwerra aktar mal-Kristjani milli ma' dawk li mhumiex Kristjani. Hu jiġġieled primarjament ma' dawk li mhumiex tiegħu!
- Satana jaħdem biex iġib lill-Kristjani taħt il-kundanna ta' Alla – (2 Korintin 2:11; 1 Pietru 5: 8; Mattew 13:28-29)
- Hu jpoġġi xbieki moħbija għall-Kristjani – (2 Timotju 2:26; 1 Timotju 3:7)

## IL-PASSAT TIEGĦU
## L-ORIĠINI TA' SATANA

### A. Alla ħalaq lil Satana:

- Alla huwa l-uniku wieħed li kien jeżisti minn dejjem li Hu ppreżentat fil-Bibbja. Satana ma kienx jeżisti minn dejjem.
- Satana kellu l-bidu ta' l-oriġini tiegħu – (Kolossin 1:16; Ġwanni 1:3; Lhud 1:2)
- Alla Hu l-Missier ta' l-ispirti kollha nkluż ta' Satana – (Efesin 2:2)

### B. Kien Satana maħluq tajjeb jew ħażin?

- Dak kollu li ħalaq Alla kien tajjeb – (Ġenesi 1:31). Għalhekk Alla ħalaq lil Satana tajjeb.
- Kull xorta tipproduċi wara x-xorta tagħha: Alla Hu tajjeb għalhekk Hu ħalaq lil Satana tajjeb.
- Satana, bħal kull kreatura oħra kien jista' jagħżel li jagħmel it-tajjeb jew il-ħażin.

### Ċ. Indikazzjonjijet tal-waqa' ta' Satana:

- Satana ma *qagħadx* fil-verità – (Ġwanni 8:44)
- Satana *waqa' fil*-kundanna – (1 Timotju 3:6)

- Anġli (demonji) kienu mixħuta f'Post il-Mejtin (Hades) – (2 Pietru 2:4)
- L-anġli (id-demonji) ma żammewx il-post tagħhom…abbandunaw il-post proprju tagħhom… kienu mixħuta l-isfel – (Ġuda 6-7)
- Gwerra fis-smewwiet kontra l-armata ta' Satana vs. Mikiel u l-anġli…Satana mkeċċi 'l barra mis-smewwiet – (Rivelazzjoni 12:7-9)

**D. Ix-Xitan mhuwiex "Luċifru"**

Isaija 14:12 jsemmi l-isem "Luċifru." Jiena smajt li dak huwa Satana. Huma Luċifru u Satana wieħed u l-istess? X'inhu l-oriġini ta' l-isem Luċifru, x'inhi t-tifsira tiegħu, u huwa dan sinonimu għal "Satana"? Hawn huma l-fatti.

Il-kelma "Luċifru" hija wżata darba biss f'Isaija 14:12 fil-Verżjoni Ingliża Re Ġakbu u fil-Verżjoni Awtorizzata maqluba għall-Malti mill-Ingliż minn Karm Żammit. Hija wżata *b'mod żbaljat* ukoll fil-verżjoni Kattolika ta' Knox u wkoll fil-verżjoni Kattolika Douay. F'dan il-vers minn Isaija jintqal hekk:

> "*Kif waqajt mis-sema, o Luċifru, bin is-sebħ! Kif kont maqtugħ għal fuq l-art, int li kont tkasbar il-ġnus!*"

Il-kelma Lhudija tradotta "Luċifru" hija *helel* (jew *heylel*), mill-għerq, *hâlâl*, ifisser "li tiddi" jew "li żżomm id-dawl." Keil u Delitzsch innutaw[hija] ġġib l-isem tagħha f'lingwi oħra antiki wkoll mid-dawl brillanti tagħha, u hawn hija msejħa *ben-shachar* (bin iż-żerniq)…(1982, 7:311). Madankollu, it-tradutturi tal-Verżjoni Re Ġakbu (KJV) ma ttraduċewx *helel* bħala

Luċifru minħabba xi ħaġa inerenti (li tinsab) fit-terminu Lhudi nnifsu. Minflok, huma sselfu l-isem mit-traduzzjoni tal-Bibbja ta' Ġirolmu (383-405 W.K.) magħruf bħala l-*Vulgat Latin*. Ġirolmu, probabbilment emmen lit-terminu kien qiegħed jiddeskrivi l-pjaneta Venus, applika t-terminu Latin "Luċifru" ("jagħti d-dawl") biex ifisser "il-kewkba ta' filgħodu" (Venus). Kien biss aktar wara li s-suġġeriment oriġina li Isaija 14:12-20 kien qiegħed jitkellem dwar ix-xitan. Event-walment, l-isem Luċifru gie biex ikun sinonimu ma' Satana. Imma huwa Satana "Luċifru"?

Le, hu mhuwiex. Il-kuntest li fih vers 12 joqgħod jibda f'vers 4 fejn Alla qal lil Isaija biex "jieħu din il-parabbola kontra s-**sultan ta' Babilonja**, u tgħidlu, 'Ah, kif intemm it-tirann! Kif intemmet kburitu [il-belt tad-deheb]!" Albert Barnes spjega li l-għadab ta' Alla kien mixgħul kontra s-sultan għaliex il-mexxej "inten-zjona li ma jagħraf ebda superjur la fis-sema u lanqas fl'art, imma fassal li huwa nnifsu u l-liġijiet tiegħu għandhom ikunu meqjusa supremi" (1950, 1:272). Il-ftaħira tas-sultan potenti kienet:

> "*Nitla' sas-smewwiet, 'il fuq mill-kwiekeb ta' Alla. It-tron tiegħi ngħolli u ngħammar fuq il-muntanji ta' laqgħat l-allat, fi truf it-tramuntana; Nitla' sa fuq qċaċet is-sħab, insir nixbah lil Alla l-Għoli*" (versi 13:14).

Bħala riżultat tal-kburija tiegħu nnifsu s-sultan event-walment kellu jesperjenza kemm il-waqa' tas-saltna

tiegħu u t-telfien ta' ħajtu—tmiem b'għajb kbir li hu mfisser f'termini ċari u qawwija.

> "*Iżda int fis-saltna ta' l-imwiet titniż-żel, f'qiegħ il-ħofra*" (v. 15).

Il-profeta ħabbar dan il-kliem lis-sultan li darba kien setgħan ħafna. U meta s-sultan jinżel fil-qabar etern, dawk maqbuda f'dak il-qasam moħbi iżebilħuh billi jgħidulu,

> "*Hu dan il-bniedem li qalleb id-dinja ta' taħt fuq, li riegħed is-saltniet*" (v. 16).

Is-sultan huwa msemmi bħala "bniedem" (v. 16) li għandu jmut fil-għajb u li l-ġisem tiegħu jkun maħruq, mhux f'sarkofagu (tebut tal-ġebel iddekorat) ta' sul-tan, imma f'ħofor irriservati għal dawk kollha mirfusa taħt ir-riġlejn (versi 19-20). Dud jieklu l-ġisem tiegħu, u l-qniefed igħaddu minn fuq il-qbar tiegħu (versi 11, 23).

Kien f'dan il-kuntest li Isaija rrifera għas-sultan ta' Babilonja bħala "l-kewkba ta' filgħodu" ("iben ta' filgħodu"; "bin iż-żerniq") biex juri l-istatus ta' dak li darba kien jiddi imma issa tbaxxa, li darba kien għoli imma issa tnaqqas ta' dak li qabel kien il-mexxej. Fil-*Kummentarju tal-Bibbja* tiegħu, E.M. Zerr osserva li frażijiet bħal dawn kienu "…wżati figurattivament f'dan il-vers biex jissimbolizzaw id-dinjità u l-ġmiel kbir tas-sultan ta' Babilonja. Il-tneħħija kompluta tiegħu kienet imxebbħa għall-waqa' "tal-kewkba ta' filgħodu" (1954, 3:265). Din ix-xorta ta' frażjoloġija m'għandiex tkun ta' sorpriża billi "[fit-] Testment il-

Qadim, it-tneħħija ta' qawwiet korrotti nazzjonali spiss hija murija b'tixbihat ta' dawwaliet tas-sema ja-qgħu (cf. Isaija 13:10; Eżekjel 32:7), għalhekk, b'mod tajjeb is-sultan ta' Babilonja huwa mfisser bħala kew-kba li qed taqa'" (Jackson, 1987, 23:15).

Imkien ġewwa l-kuntest ta' Isaija 14, iżda, Satana ma huwa muri bħala Luċifru. Fil-fatt, sewwasew il-kontra hu tassew. Fil-kummentarju tiegħu fuq Isaija, Burton Coffman kiteb: "Aħna kuntenti li l-verżjoni (ASV) tagħna tħalli barra l-kelma *Luċifru* minn din it-tifsira, għaliex…Satana ma jidħol xejn f'dan il-pas-saġġ bħala suġġett" (1990, p. 141). Il-mexxej Babilon-jan kellu jmut u jkun midfun—destini li l-ebda wieħed ma Satana għandu jġerragħ. Is-sultan kien imsejjaħ "bniedem" (raġel) li l-ġisem tiegħu kellu jkun mikul mid-dud, imma Satana, bħala spirtu, m'għandu ebda ġisem fiżiku. Is-sultan għex u għammar "f'belt tad-deheb" (v. 4), imma Satana huwa s-sultan ta' saltna ta' dlam spiritwali (cf. Efesin 6:12). U l-kumplament.

Il-kuntest ippreżentat f'Isaija 14:4-16 mhux biss ma jurix lil Satana bħala Luċifru, imma attwalment jeħod-ha kontra dan. Kiel u Delitzsch ħabbru b'mod sod li "Luċifru," bħala sinonimu, "huwa wieħed addattat u xieraq għas-sultan ta' Babilonja, minħabba d-data bikrija tal-kultura ta' Babilonja, li laħqet lura sas-sebħ griż ta' l-ewwel żminijiet, u wkoll minħabba l-karattru predominanti astroloġiku tiegħu" (1982, p. 312). Hu-ma mbagħad ikkonkludew b'mod korrett li "Luċifru, bħala isem mogħti lix-xitan, kien meħud minn dan il-passaġġ…mingħajr ebda digriet hu x'inhu, bħala li

għandu x'jaqsam ma' l-apostasija u l-kastig tal-mex-xejja anġeliċi" (paġni 312-313).

L-istess żball isir fl-interpretazzjoni dwar Eżekjel 28:13-19 fejn xi wħud jappliaw dan il-vers għall-waqa' tax-xitan. Imma dawn il-versi jirreferu għas-sultan ta' Tir u mhux għax-Xitan. Dan huwa tagħlim falz komuni ħafna u wieħed għandu jkun attent ħafna dwaru.

## Satana diġa' tilef il-gwerra tiegħu kontra Alla

### A. Rebħiet storiċi ta' Satana:

- Adam u Eva jieklu mill-fortta pprojbita
- Iħajjar lin-nies ta' Alla biex iqimu l-idoli
- Qattiel ta' Ġesù Kristu – (Luqa 22:3)
- Kull darba li Kristjan jaċċetta l-fidi u jitlaq min-nha – (1 Timotju 1:18-20)
- Korruzzjoni tad-dottrina – (1 Timotju 4:1-4 – "Dottrini tad-demonji": Illum hemm madwar 500 knisja!

### B. Telfiet maġġuri ta' Satana fil-Bibbja:

- Gwerra fis-sema, mixħut fid-dinja – (Rivelazz-joni 12:7-9)
- Il-Ktieb ta' Ġob jittestja l-għerf ta' Alla b'Ġob, "*Int taħseb li Ġob huwa tajjeb, neħħilu l-barkiet …hu jistħek*" – (Ġob 1:9-11)
- Tentazzjoni fid-deżert ma' Ġesù – (Mattew 4:1-11)
- Tkeċċew id-demonji matul il-ministeru ta' Ġesù – (Luqa 10:17-20)

- Mewta bla dnub u l-qawmien ta' Kristu – (Kolossin 2:14-15; Lhud 2:14-16; 1 Ġwanni 3:8; Rivelazzjoni 1:18
- Kull darba li midneb isir Kristjan – (Atti 26:18; Kolossin 1:13; Luqa 15:7 – "anġli jifirħu")

**Ċ. Satana kien marbut minn Kristu:**

- Salm 72:9; Mattew 12:29; Isaija 53:10 = Luqa 10:17; Atti 2:34-36; 1 Korintin 15:25-28; Kolossin 2:15; Efesin 4:8; Rivelazzjoni 20:1-6.
- Satana għandu setgħa – (1 Pietru 5:8), imma hi llimitata – (Ġakbu 4:7).
- Satana huwa marbut kif kelb ikun marbut ma' arblu. Bla ebda saħħa jekk aħna ma nidħlux fiċ-"ċirku" tiegħu.
- Satana ma jistax jisfurzana kontra r-rieda tagħna jew jippossessana – (1 Korintin 10:13)

**D. Ix-Xitan u d-demonji jafu li Alla rebaħ u li huma kkundannati – (Mattew 25:41; Ġwanni 16:11)**

- Mattew 8:29 – "*...Ġejt hawn biex taħqarna qabel iż-żmien?*"
- Ġakbu 2:19 – "*...id-demonji jemmnu li Alla wieħed, u jitriegħdu*" (Grieg: "jitriegħdu" letteralment: li jqumilhom xagħarhom xewk xewk)
- Mark 5:7; Luqa 8:28 – "*...illi ma taħqarnix.*"
- Mark 1:24; Luqa 4:34 – "*...ġejt teqridna?...*"

**E. Nies diżubbidjenti jbatu l-istess destin bħax-Xitan:**

**Mattew 25:41,**

> "*Imbagħad igħid ukoll lil dawk li jkunu fuq ix-xellug: Morru minn fejni, ja misħutin, fin-nar ta' dejjem, imħejji għax-xitan u l-anġli tiegħu.*"

**Rivelazzjoni 20:10, 14-15,**

> "*U x-xitan li qarraq bikom kien mitfugħ fil-għadira tan-nar u kubrit, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieq, u jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem ….U l-mewt u post l-imwiet kienu mitfugħin fil-għadira tan-nar. Din hi t-tieni mewt. U kull min ma nstabx miktub fil-ktieb tal-ħajja, kien mitfugħ fil-għadira tan-nar.*"

**2 Tessalonikin 1:6-9,**

> "*Billi hi ħaġa ta' ħaqq quddiem Alla li jrodd it-taħbit lil dawk li jħabbtukom; U lilkom li intom imħabbtin strieħu magħna, meta jidher Sidna Ġesù missema ma' l-anġli setgħana tiegħu, F'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu: Li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej, u mill-glorja tas-setgħa tiegħu.*"

**Konklużjoni:**

**A. Ix-xitan jattakkak illum f'waħda minn ħames modi:**

1. Iżommok barra mill-knisja
2. Jieħu lill-Kristjani lura fid-dinja
3. Iġib lill-Kristjani bla siwi
4. Ifixkel jew jikkorrompi l-qima u d-dottrina
5. Jikkawża l-inkwiet u d-diviżjoni fost l-aħwa u minħabba f'hekk ikun hemm min iċedi.

## IL-PREŻENT TIEGĦU

Satana hu miżmum fid-dlam u hu marbut bi ktajjen ta' dejjem (Ġuda 6). Hu mimli bil-qilla, għaliex hu jaf li ż-żmien tiegħu huwa qasir (Rivelazzjoni 12:12). Mhux biss hu għandu s-setgħa (Atti 10:38), imma hu l-qawwa ta' did-dinja tad-dlamijiet u huwa l-qawwa spiritwali tal-ħażen fil-wisa' tas-smewwiet (Efesin 6: 12). Id-dinja tal-ħażen kollha hija taħt il-kontroll tiegħu (1 Ġwanni 5:19), u hu jmexxija 'l barra mit-triq (Rivelazzjoni 12:9). Hu jdur mad-dinja (Ġob 1:7; 2:2), u jdur madwar qisu ljum igħajjat ifittex 'il min se jibla' (1 Pietru 5:8). M'hemmx għalfejn ngħidu, hu tad-dinja u mhux spiritwali (Ġakbu 3:15).

Mhux biss Satana huwa l-għadu tagħna (1 Pietru 5: 8) imma huwa għadu ta' dak kollu li huwa tajjeb (Atti 13:10). Hu jista' jippreżenta lilu nnifsu quddiem il-Mulej u jagħmel talbiet kontra tagħna (Ġob 1:6-12; 2: 1-7). Satana jitlob lil Alla għall-premess biex "jgħaddina mill-għarbiel" (Luqa 22:31), u hu jakkużana lejl u nhar quddiem Alla (Żakkarija 3:1; Rivelazzjoni 12: 10). Hu jigdeb u jqarraq; fil-fatt, ma hemm ebda verità fih (Ġwanni 8:44; Rivelazzjoni 2:9).

Ix-xitan igħawweġ l-iskrittura għall-iskopijiet tiegħu u jgħawweġ it-triqat dritti tal-Mulej (Mattew 4:1-11; Luqa 4:2-13; Atti 13:10). Hu makakk u jqarraq (2 Korintin 11:3). Hu jagħmel skemi u jegħlibna (2 Korintin 2:11; Efesin 6:11), u huwa mimli b'kull xorta ta' qerq u ngann (Atti 13:10). Hu jisraq il-Kelma mill-qlub (Luqa 8:12), u jdallam l-imħuħ ta' dawk li ma jemmnux (2 Korintin 4:4). Hu jonsob u jaqbad (2 Timotju 2:26), jorbot (Luqa 13:16), ixewwex (1 Kronaki 21:1) u, b'mod ġenerali, huwa ta' tfixkil (Mattew 16: 23). Hu jista' jimla l-qalb ta' dak li jkun (Atti 5:3) u jiżvijja l-imħuħ minn Kristu (2 Korintin 11:3).

Satana jinbidel f'anġlu tad-dawl, u l-qaddejja tiegħu jinbidlu f'qaddejja tal-ġustizzja (2 Korintin 11:14-15). Hu qiegħed jaħdem f'dawk li huma diżubbidjenti (Ef-esin 2:2). Hu jiżra' "ħaxix ħażin" (Mattew 13:38-39), u jista' jaħdem permezz ta' kull wieħed (Mattew 16: 23; Mark 8:33). Hu saħansitra jista' juri mirakli foloz, sinjali, u għeġubijiet (2 Tessalonikin 2:9), u għalhekk wieħed għandu llum ikun wisq attent minn dawn il-ħafna hekk imsejħa "faith healers" għaliex skond il-Mulej dan ix-xorta ta' fejqan illum waqaf (Mattew 7: 21-23) ukoll għalkemm xi wħud jgħidu li raw lil min ifieq!

Ebda wieħed ma huwa immuni għat-tentazzjonijiet ta' Satana; hu saħansitra ttanta lil Ġesù (Mattew 4:1-11; Mark 1:12-13; Luqa 4:2-13). Imma Satana ma seta' jagħmel xejn kontra Kristu (Ġwanni 14:30)!

Satana jpoġġi lil xi Kristjani fil-ħabs biex iġarrabhom (Rivelazzjoni 2:10), u hu jżomm is-setgħa tal-mewt (Lhud 2:14). Imma l-Kristjani mhumiex bla

saħ-ħa kontrih. Il-Bibbja tgħidilna li l-fidi titfi l-vleġeġġ tan-nar (Efesin 6:16), u jekk xi ħadd jieqaflu, Satana jaħrab minnu (Ġakbu 4:7). Hu kien megħlub permezz tad-demm tal-Ħaruf u x-xhieda ta' martri Kristjani (Rivelazzjoni 2:11). Il-Kristjani għelbuh (1 Ġwanni 2: 13)!

### IL-FUTUR TIEGĦU

Il-futur ta' Satana huwa ikrah tassew. Fil-fatt, hu tabilħaqq m'għandux wieħed. L-Iskrittura tgħidilna li hu diġa' ikkundannat (Ġwanni 16:11). Alla jisħqu (Rumani 16:20), u l-Mulej tagħna Ġesù Kristu joqtlu u jeqirdu (2 Tessalonikin 2:8). Nar etern kien ippreparat għalih u l-anġli tiegħu (Mattew 25:41). Biex niġbor kollox flimkien, hu wasal għal tmiem orribbli u ma jkunx aktar.

# AĦNA NINSABU FI GWERRA SPIRITWALI

## (Is-seba' parti)

> "*U tgħaffġu l-ħżiena, għax ikunu bħall-irmied taħt qiegħ riġlejkom, fil-jum li jien inhejji, igħid il-Mulej ta' l-eżerċti*" (Malakija 4:3).

Kull iben u bint ta' Alla kien mogħti wegħda ta' vittorja fuq Satana. Isaija jgħid,

> "*L-ebda arma msawra kontrik ma tirnexxi; u kull ilsien li jqumkontrik fil-ħaqq int tikkundannah. Dan hu l-wirt tal-qaddejja tal-Mulej; u l-ħlas ġust tagħhom mingħandi, jgħid il-Mulej*" (Isaija 54:17).

Ukoll naqraw f'Malakija 4:3,

> "*U tgħaffġu l-ħżiena, għax ikunu bħall-irmied taħt qiegħ riġlejkom, fil-jum li jien inhejji, jgħid il-Mulej ta' l-eżerċti*"

Il-Mulej ukoll jgħid hekk dwar dan,

> "*Ara, jien nagħtikom is-setgħa timxu fuq is-sriep u l-egħkiereb, u fuq kull qawwa tal-għadu: u xejn ma jista' jagħmlilkom ħsara*" (Luqa 10:19).

L-appostlu Pawlu, jgħid dwar il-persważjoni tiegħu u tagħna wkoll bħala Kristjani,

> "*Għax jien żgur, li la l-mewt, u lanqas il-ħajja; la l-anġli u lanqas il-prinċipati, la s-setgħat u lanqas il-ħwejjeġ t'issa,*

*la l-ħwejjeġ li ġejjin. U lanqas il-għoli, la l-għammieq, u lanqas l-ebda kreatura oħra, ma tkun tista' tifridna mill-imħabba ta' Alla, li hi fi Kristu Ġesù Sidna*" (Rumani 8:38-39).

Ukoll Ġakbu jgħidilna hekk dwar dan,

"*…Iqfulu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom*" (Ġakbu 4:7).

Ġwanni jkompli jgħid,

"*Intom minn Alla, uliedi ż-żgħar, u rbaħtuhom: għax akbar hu dak li hemm fikom, minn dak li hemm fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:4).

Huwa importanti, iżda, li aħna nagħrfu min hu l-għadu tagħna u x'inhuma t-tattiċi tiegħu. L-appostlu Pawlu jgħid li,

"*aħna nafu l-ħsibijiet tiegħu*" (2 Korintin 2:11).

Il-battalja tagħna mhijiex kontra "*l-laħam u d-demm*" (ħwejjeġ fil-qasam naturali), "*imma kontra … l-ħażen spiritwali.*" "*għax għalkemm aħna nimxu skond il-ġisem, aħna ma nissarawx skond il-ġisem. Għax l-armi tat-taqbid tagħna mhumiex tal-ġisem,…*" (2 Korintin 10:3-5; Efesin 6:12).

Awtorità għandha tkun meħuda fuq l-attentati ta' Satana biex ifixklu x-xogħol u l-Kelma ta' Alla. Hemm qawwiet spiritwali li għandhom ikunu mkissra. Naqraw fil-Ktieb ta' Danjel,

"*Imbagħad qalli: La tibżax, Danjel, għax mill-ewwel jum li daħħalt f'qalbek li tifhem, u tumilja ruħek quddiem Alla tiegħek, kliemek kien mismugħ, u jien ġejt għal kliemek. Iżda l-kap tas-saltna tal-Persja waqqafni għal għoxrin jum: iżda, ara, Mikiel, wieħed mill-kapijiet il-kbar, ġie jgħinni; u jien bqajt hemm mas-slaten tal-Persja*" (Danjel 10:12-13).

Pawlu jgħidilna fl-1 Tessalonikin 2:18).

"*Għalhekk ridna niġu għandkom, għal-anqas jien Pawlu, aktar minn darba; imma Satana fixkilna*"

Il-pjan prinċipali ta' Satana huwa l-qerq. Illum naraw ħafna nies sinċiera qegħdin jiġu mqarrqa b'ħafna tagħ-lim falz, tagħlim li mhuwiex skritturali:

1. *Ħżunija*.

"*Issa s-serp kien aktar ħani minn kull bhima oħra tar-raba' li l-Mulej Alla kien għamel...*" (Ġenesi 3:1).

"*Imma nibża', li b'xi mezz, bħalma s-serp qarraq b'Eva permezz tal-qerq…*" (2 Korintin 11:3).

2. *Dubju*.

"*Tassew Alla qal…?*"

"*Jekk int l-Iben ta' Alla… Jekk …*" (Mattew 4: 3, 6; Luqa 4:3, 9).

3. *Gideb*.

> "*U s-serp qal lill-mara: żgur li ma tmutx*" (Ġenesi 3:4).
>
> "*Intom ulied missierkom ix-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu. Dak kien qattiel mill-bidu u ma qagħadx mal-verità, għax m'hemmx verità fih. Meta jgħid gidba, jitkellem minnu nnifsu: għax hu giddieb, u missier il-gideb*" (Ġwanni 8:44).

Il-Bibbja tuża diversi metafori biex tiddeskrivi "*t-taqbida tal-fidi*" (1 Timotju 6:12) li l-emmieni għandu jitqabad kontra l-ħażin.

L-appostlu Pawlu juża l-metafora ta':

1. *Ġellied*.

> "*Hekk mela niġri jien, mhuxbla ħsieb; jenn niġġieled, mhux qisni bħal wieħed jagħti fl-ajru*" (1 Korintin 9:26).

2. *Suldat*.

> "*Issapporti mela t-tbatijiet, bħala suldat tajjeb ta' Ġesù Kristu. Ebda wieħed minn dawk li jmorru għall-gwerra ma jindaħal fil-ħwejjeġ ta' dil-ħajja; biex jogħġob lil min għażlu biex ikun suldat. U wkoll, jekk wieħed jissara, ma jieħux il-kuruna, jekk ma*

*jissarax skond il-liġi*" (2 Timotju 2:3-5).

"*Ilbsu l-armatura kollha ta' Alla, biex tkunu tifilħu żżommu kontra t-tnassis tax-xitan….Għalhekk aqbdu l-armatura kollha ta' Alla, biex tkunu tifilħu żżommu fil-jum ħażin, u wara li tkunu għamiltu kollox, tibqgħu weqfin. Kunu metal weqfin,…*" (Efesin 6:11-17).

3. *Niġġieldu.*

"*Għax aħna ma niġġildux kontra l-laħam u d-demm, imma kontra l-prinċipati, kontra s-setgħat, kontra l-ħakkiema tad-dlam ta' did-dinja, kontra l-ispirti ħżiena, li huma f'imkien fil-għoli*" (Efesin 6:12).

Xi jfisser li "*tieqaf lix-xitan*"? Kif dan jista' jsir?

A. L-armatura ta' Alla – Efesin kapitlu 6.

1. Verità – vers 14
2. Ġustizzja – vers 14
3. Salvazzjoni – vers17; 1 Tessalonikin 5:8
4. L-Evanġelju tal-paċi – vers 15
5. Fidi – Efesin 6:14; 1 Tessalonikin 5:8

L-appostlu Pawlu jgħid li l-fidi hija ta' importanza primarja: "*fuq kollox…*"

> "*Fuq kollox, ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tkunu tistgħu titfu l-vleġeġ tan-nar tal-ħażin*" (Efesin 6:16).

L-appostlu Pietru jgħid,

> "*Kunu meqjusin; ishru; għax il-għadu tagħkom, ix-xitan, qisu ljun igħajjat, idur, ifittex lil min jibla'. Iqfulu, qawwijin fil-fidi…*" (1 Pietru 5:8-9).

L-appostlu Ġwanni jgħidilna,

> "*Għax kull min twieled minn Alla rebaħ id-dinja: u din hi r-rebħa li rebħet id-dinja, il-fidi tagħna…*"

Imma l-fidi u l-Kelma huma nseparabbli. (1) Il-Kelma lilhom ma switilhomx billi ma kenitx imħallta mal-fidi (Lhud 4:2). (2) Madankollu l-fidi tiġi permezz tal-kelma ("rhema") ta' Alla (Rumani 10:17). (3) Għandhom ikunu t-tnejn permezz ta' l-istqarrija bil-fomm u t-twemmin fil-qalb (Rumani 10:9).

L-armatura ta' Alla hija l-Kelma ta' Alla. Pawlu jgħidilna:

> "*Aqbdu l-elmu tas-salvazzjoni, u x-xabla ta' l-Ispirtu, li hija l-Kelma ta' Alla*" (Efesin 6:17)

Kienet il-kelma mlissna ("rhema") li Ġesù uża f'li kkonfronta lix-xitan fid-deżert. Ġesù ma qalx skritturi mħallta lix-xitan, imma għadda l-Kelma ta' Alla bl-awtorità u l-qawwa (Luqa 4:4, 10, 12). Innota li din hija l-unika parti offensiva ta' l-armatura, irriferuta

għaliha fl-Iskrittura bħala "xabla li taqta' minn żewġt ixfar."

> "*Għax ħajja hi l-kelma ta' Alla, u qawwija, u taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar, u tinfed ukoll sa fejn tinfired ir-ruħ mill-ispirtu u l-ġogi mill-mudullun, u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb*" (Lhud 4:12; ara wkoll Salm 149:6-9; Efesin 6:17; Rivelazzjo-ni 2:16).

B. L-arma tat-tifħir.

Meta wieħed ifaħħar lil Alla x-xitan jaħrab minnu, u dan jidher fl-Iskrittura minn bosta passaġġi:

Numri 10:9, 35,

> "*U jekk tmorru għall-gwerra, fl-art tagħkom, kontra l-għadu li jagħmel għalikom, iżżarżru t-trombi, u tkunu mfakkrin quddiem il-Mulej Alla tagħkom, u meħlusin mill-egħdewwa tagħkom…* [35] *U ġara, meta kienet titlaq l-arka, illi Mosè kien igħid: Qum, o Mulej, ħa jixterdu l-egħdewwa tiegħi; u ħa jaħarbu dawk li jobogħduk minn quddiemek.*"

Naqraw f'Atti 16:24-26 dwar meta Pawlu u Sila kienu fil-ħabs,

> "*Dak, wara li qabbduh jagħmel dan, tefagħhom fil-ħabs ta' ġewwa, u rabtilhom saqajhom fil-qjud. U f'nofs il-lejl Pawu u Sila bdew jitolbu u jfaħħru 'l*

*Alla bl-innijiet. l-ħabsin jisimgħuhom. F'daqqa waħda sar terremot hekk kbir li s-sisien tal-ħabs theżhżu, minnufih il-bibien kollha nfetħu beraħ u nħall l-irbit ta' kulħadd.*"

Ċ. It-talb ukoll jeħlisna mill-għadu tagħna, ix-xitan: Naqraw dwar l-appostlu Pietru,

"*U l-Mulej qal: Xmun, Xmun, ara, Satana xtaq jeħodkom, biex igħarbilkom bħal qamħ: Imma jien tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tonqosx: u int meta tikkonverti saħħah lil ħutek*" (Luqa 22: 31-32).

Bħala Kristjani aħna m'għandniex inħallu xi qasam fil-ħajja mikxuf għax-xitan: ma nagħtuh ebda lok biex jaqbad. L-appostlu Pawlu jgħidilna hekk dwar dan:

"*U tagħtux il-wisa' lix-xitan*" (Efesin 4:27).

Hija r-responsabbiltà ta' l-emmieni biex jipprepara għall-battalja, biex "jilbes l-armatura kollha ta' Alla" (Efesin 6:11), u biex "jieqaf kontra l-ħażin" (versi 11-14) – dawn huma verbi attivi. Imma huwa Alla li jiġġieled il-battalja. Tassew, Ġesù Kristu diġa' għeleb lil l-għadu għalina. Aħna sempliċiment għandna nimxu fil-vittorja! Naqraw fil-Kelma ta' Alla,

Dewteronomju 20:1,

"*Meta tmur titqabad kontra l-egħdewwa tiegħek, u tara żwiemel u mriekeb u nies aktar minnek, la tibżax minnhom:*

*għax il-Mulej, Alla tiegħek, li tellgħek mill-art ta' l-Eġittu, ikun miegħek.*"

2 Kronaki 20:15,

"*U qal: Isimgħu, o Ġuda kollu, u intom li tgħammru f'Ġerusalem, u int o sultan Ġosafat! Hekk igħidilkom il-Mulej: La tibżgħux u la titregħdux minħabba dil-kotra kbira, għax mhix tagħkom it-taq-bida, iżda ta' Alla.*"

Kolossin 2:15,

"*U wara li nażża' l-prinċipati u s-set-għat, waqqagħhom għad-daħk quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuqhom fuq is-salib.*"

L-Ispirtu s-Santu jgħidilna, permezz ta' Pawlu,

"*Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnas-sis tax-Xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, im-ma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċipati ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħa-mmru fil-wisa' tas-smewwiet. Għal-hekk ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen u, wara li tkunu għamiltu ħilit-komn kollha, iżżommu weqfin. Żom-mu sħiħ mela, ħażżmu ġenbejkom bil-*

*verità, ilbsu l-korazza tal-ġustizzja, u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa ta' l-Evanġelju tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla. Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha*" (Efesin 6:10-18).

# VEDUTI DIFFERENTI DWAR ID-DEMONJI U L-POSSESSJONI TAD-DEMONJI

## (It-tmien parti)

## INTRODUZZJONI

I. Xitan u demonji huma differenti:

1. Hemm biss Xitan wieħed, Grieg: *diabolos*, "akkużatur, giddieb."
2. Hemm ħafna demonji, Grieg: *daimonion*, "wieħed li jaf."
3. Ix-Xitan u l-anġli tiegħu: Mattew 25:41.

II. "Ippossessat" Grieg: *diamonizomai*, "Li tkun taħt il-ħakma ta' demonju."

1. Xi kultant ippossessati minn aktar minn demonju wieħed."
   a. "Ħafna, Leġjun" (Leġjun=6000 raġel, 2000 qażquż kienu mgħarrqa) – Mark 5:9; Luqa 8:27.
   b. Marija ta' Magdala kellha "7 demonji mkeċċija minn ġo fiha": Mark 16:9; Luqa 8:2.
2. Demonji jistgħu jippossessaw annimali, qżieqeż: Mark 5:13.
3. Kien hemm differenza bejn id-demonji fis-setgħa tagħhom, "bħal dan" (din ix-xorta): Mark 9:29 u ħażin: Mattew 12:45.

III. Termini wżati biex jiddeskrivu d-demonji: demonju, spirtu, spirtu mniġġes, spirtu ħażin, demonju mniġġes.

1. Demonji = spirti: Luqa 10:17, 20; spirtu ħżiena: Atti 19:13.
2. Ippossessat minn spirtu ta' demonju mniġġes Luqa 4:33 = raġel bi spirtu mniġġes: Mark 1:23.
3. Inkeċċi d-demonji permezz tal-prinċep tad-demonji (Satana): Mark 3:22).
4. Demonji = Satana = spirtu ħażin: Mark 3:22-23, 30; Luqa 11:24.
5. Spirtu ħażin = spirti mniġġsa = ippossessat mid-demonju: Mark 5:2, 13, 15.
6. Spirtu mniġġes = demonju: Mark 7:25, 30; Luqa 9:42; Mattew 12:43-45.
7. Mhux kull spirtu hu minn Alla: 1 Ġwanni 4:1-4.

IV. Eżistenza tad-demonji tidher li ġeneralment kienet aċċettata mil-Lhud: Luqa 4:36.

V. Demonji jkunu mixħuta fl-infern: Ġwanni 16:11; Mattew 25:41; 2 Pietru 2:4; Ġuda 6; Rivelazzjoni 12:7-9.

VI. Ix-Xitan m'għandux bżon jippossessana, imma sempliċiment li jikkawżana li mmutu bid-dnub mingħajr ma nkunu ndimna minnu jew li nċedu!

VII. Lid-demonji kollha kienu mkeċċija barra fiż-żmien appostoliku huwa t-twettiq tal-profezija ta' Żakkarija 13:1-2.

VIII. Waqt li xi wħud jgħallmu lid-demonji kienu eskulssivament għal l-ewwel seklu, id-demonji fil-fatt

kienu attivi minn Mosè sa Kristu: Dewteronomju 32:17; Levitku 17:7; Salm 106:37.

## VEDUTI DIFFERENTI DWAR L-ORIĠINI TAD-DEMONJI

Kif diġa' rajna aktar qabel, il-Bibbja hija siekta dwar l-oriġini tad-demonji (ara minn paġna 8).

I. Kreaturi intelliġenti u setgħana:
    1. Wara li rajt l-informazzjoni storika u biblika, jiena nemmen lid-demonji probabbilment huma anġli li dinbu: Rivelazzjoni 12:7-9; 2 Pietru 2:4; Ġuda 6.
    2. Justin Martyr ħa l-veduta lid-demonji kienu nnisel ta' anġli + bnedmin: Ġenesi 6:2-4 (Ara minn paġna 101)
    3. Il-Pagani u l-griegi emmnu lid-demonji kienu l-ispirti tal-bnedmin eroj mejtin: Madankollu Lhud 9:27 jgħid li l-bniedem imut darba biss u wara dan il-ġudizzju. Barra minn dan, Luqa 16:31 jgħid ċar li Lażżru l-ġust ma kienx jista' jmur lura fuq l-art.
    4. Josephus (madwar 70WK) u Alexander Campbell (madwar 1830) emmnu lid-demonji kienu spirti ħżiena ta' nies mejtin. Madankollu Luqa 16:25-31 juri biċ-ċar lir-raġel għani kien itturmentat u ma kienx jista' jiġi lura fuq l-art biex javża lil ħames ħutu. Barra minn dan, Ekkleżjażti 9:5 u Ġob 14, igħallmu li l-mejtin jeżistu f'qasam konxju separat mill-ġrajjiet kurrenti tad-dinja.

5. Il-Lhud ta’ żmien Ġesù, ġeneralment ħarsu lejn id-demonji bħala kreaturi spirti qawwija li kienu għedewwa li ħaqru lin-nies b’diversi mard.
6. Il-Ġentili ħarsu lejn id-demonji bħala tajbin u ħżiena, li wieħed għandu jibża’ minnu u jagħtihom qima:
    a. F’Ateni, per eżempju, huma kkonsidraw lilhom infushom bħala li kieu “jqimu lid-demonji” ta’ l-idoli.
    b. Atti 17:16-23; v. 18 divinità = letteralment dimonji; v. 22 reliġjużi = letteralment qima lid-demonji.

## IT-TEORIJA TA’ POSSESSJONI TAD-DEMONJI ANALIZZATA
## (erba’ pożizzjonijiet bażiċi)

### I. It-Teorija Mitika:

1. David Friedrich Strauss kien mogħti l-kredtu talli avvanza din it-teorija. Id-demonji huma miżmuma bħala li huma simboliċi tal-preżenza tal-ħażen. It-tkeċċija ta’ dawn il-karattri mitiċi minn Ġesù jippreżentaw ir-rebħa Tiegħu fuq il-ħażen permezz tad-dottrina u l-ħajja Tiegħu.
2. Din it-teorija tieqaf jew taqa’ ma’ l-iskola tal-mitoloġija ta’ l-interpretazzjoni. Li tikkonsidra ġrajjiet storiċi mistqarra bħala ħrafa huwa li takkuża lil kittieb tagħhom bħala li qiegħed jigdeb. Li takkuża l-evanġelisti bħala li kitbu jew qalu storja falza huwa li tressaq lil Alla u lil l-Ispirtu s-Santu b’akkuża ta’ qerq u gideb! Kon-

segwenzi inevitabbli bħal dawn jiena m'inhix lest li naċċettahom u għalhekk għandi nwarrab it-teorija.

**II. It-Teorija ta' Konvenjenza: (Veduta tal-Christ-adelphians)**

1. Dawk li jappoġġjaw din it-teorija jgħidu li Ġesù u l-appostli Tiegħu tkellmu biss f'konvenjenza għall-injoranza u superstizzjoni popolari taż-żmien tagħhom. Hu argumentat li dawk ippossessati sofrew biss minn mard naturali.

2. Il-prova offruta għal din il-pożizzjoni hija murija sewwa minn Gould:

   a. Ir-realtà tal-possessjoni tad-demonju hija ħaġa ta' dubju. L-argument serju kontriha huwa, li l-fenomena l-biċċa l-kbira huma naturali, mhux sopranaturali. Kienet id-drawwa mhux xjentifika tal-moħħ antik li japplikaw għall-ħwejjeġ mhux normali u strambi, bħal ġenn u tal-qamar, sopranaturalment. U f'każi bħal dawn, barra mill-Bibbja, aħna na-ċċettaw il-fatti, imma nattribwixxuhom għall-kawżi naturali. Diffikultà serja oħra hija illi l-ġenn u tal-qamar huma komuni fil-Lvant, kif f'postijiet oħra, u madankollu, sakemm dawn huma każi, aħna ma nsibux lil Ġesù jfejjaq dawn id-diżordnijiet bħala li kienu hekk, im-ma biss bħala każi ta' possessjoni tad-demonju li fihom

dawn kienu sintomi. Id-dilemma hija kurjuża ħafna. Barra mit-Testment il-Ġdid, ebda possessjoni tad-demonju, imma biss ġenn u tal-qa-mar, fit-Testment il-Ġdid, ebda każi ta' ġenn jew tal-qamar proprji, imma biss possessjoni tad-demonju (24 p. 23).

3. Fi tweġiba għal dawn l-istqarrijiet aħna nistgħu nuru sitt punti. L-ewwel, "l-argument serju" kontriha huwa sempliċi predispożizzjoni sopra-naturali. Preġudizzju ma jipprova xejn. It-tieni, dawk indemonjati huma ddistingwiti minn dawk li huma maħkuma b'xi marda (Mattew 4: 23-24; Luqa 6:18-19; eċċ.).
4. Barra minn dan, il-fenomeni nfushom huma b'tali mod li ebda xorta ta' ipotesi ma hi tajba biex tkun tista' tispjegahom. Li l-ġenn ma kienx l-element kostitwenti fl-istat ta' l-indemonjati huwa ċar, billi mhux biss aħna ninsabu min-għajr l-iċken bażi ħalli nissopponu li l-Lhud kienu jikkonsidraw lil dawk kollha li kienu mġienien, b'tal-qamar, jew persuni malinkoniċi, bħala li huma taħt is-setgħa ta' l-ispirti ħżiena, –imma aħna għandna xhieda distinta li l-istess marda huma f'xi każi attribwixxewha għal spir-tu ħażin, f'każi oħrajn le, b'hekk juri li l-marda u l-possessjoni ma kinux l-istess f'għajnejhom, u li l-assunzjoni tal-laħħar ma kinetx semp-liċiment spjegazzjoni għall-preżenza għal ta' l-ewwel. Għalhekk, f'okkażjoni waħda huma

jġibu għand il-Mulej wieħed imbikkem (Mattew 9:32), u f'oħra wieħed imbikkem u agħma (Mattew 12:22), u fiż-żewġ każi dawn kienu maħkuma minn spirtu ħażin. Madankollu huwa ċar li huma ma kkunsidrawx it-tbikkim kollu bħala li kellu dan l-għerq,–għax fl-istorja mo-għtija minn Mark (7:32) ta' wieħed trux u mutu, is-suġġett tal-qawwa ta' Kristu tal-fejqan, huwa l-intenzjoni evidenti ta' Mark biex jiddeskrivi wieħed jaħdem taħt difett naturali,– bl-ebda l-inqas xewqa li jittraċċja s-sors ta' din il-marda għal xi influwenza tad-demonju. Kienu x'kienu s-sintomi li għenu lil dawk madwar dawk li kie-nu qegħdin ibatu biex jagħmlu dawn id-distinz-jonijiet, il-fatt innifsu tad-diskriminazzjoni tagħ-hom bejn il-każi ta' sewwasew l-istess marda, jagħti prova deċissiva li ma kienx hemm ċertu mard li, mingħajr ħafna frattarija, huma ttraċċ-jawh direttament għal Satana,–imma li huma in-dikaw b'dan l-isem ta' possessjoni, kondizzjoni li, waqt li kien spiss ħafna kondizzjoni ta' mard, kien ukoll dejjem kondizzjoni ta' ħafna aktar minn marda. (46* - pp. 93-94.)

5. It-tielet, il-premessa bażika ta' din it-teorija hija falza. Il-Mulej mhux biss indirizza l-massa, im-ma wkoll lid-dixxipli dwar id-demonji (Mattew 17:19-21). Ir-raba', id-demonji jistgħu jkunu eżorċitati, Mattew 17:21. Il-ħames, din it-teorija taqa' minħabba d-dħul tad-demonji fil-qżieqeż, Mark 5:10-14. Is-sitta, kien jista' Ġesù jissanz-

jona u l-evanġelisti jirrakkontaw idea żbaljata għal kollox? Mhux jekk wieħed jemmen li Ġesù Kristu huwa l-Iben ta' Alla!

**III. It-Teorija Ta' Allucinazzjoni"**

1. Il-ħsieb maġġur li jdawwar din it-teorija jippreżenta lil l-individwu psikoloġikament iqarraq lilu nnifsu f'li jemmen li huwa ppossessat minn demonju. Għalhekk, ukoll l-eżorċiżmu jidher għalih ġrajja reali.
2. Unger jsemmi żewġ provi jkissru din l-ipotesi kompletament.

   a. Din it-teorija tonqos milli tispjega kif persuna, daqshekk nieqsa mir-raġuni, tista' fl-istess ħin, turi għarfien fid-divinità ta' Ġesù u Fih bħala Iben ta' Alla (Mark 5:7) wisq aktar qabel mill-aktar nies devoti u mdawwla tannazzjon kollu. Lanqas ma dan jispjega l-effett vjolenti tad-dħul tad-demonji fil-qżieqeż (Mark 5:9-13), li dan waħdu huwa biżżejjed biex juri l-assur-dità ta' li taħseb li l-possessjoni bħala li hija biss waħda immaġinarja. (48* - p. 92)

**IV. It-Teorija Letterali**

1. Il-kliem ċar tar-rokkont storiku jippermetti għall-possibbiltà waħda biss.
2. Kien hemm kreaturi attwali msejħa demonji li ppossessaw nies u kienu mkeċċija 'l barra mill-Mulej u mid-dixxipli Tiegħu.
3. Kull bażi oħra tmieri lil Ħallieq u għandha għalhekk tkun irriġettata.

**V. Id-Demonji huma aktar minn sempliċiment "personifikazzjoni tal-ħażen u/jew mard fiżiku."**

1. Il-Christadelphians jieħdu l-veduta li d-demonji kollha huma sempliċiment mard fiżiku. Illum, hekk jgħidulna huma, aħna nistgħu nkeċċu d-demonji billi nagħtu lil xi ħadd aspirina jew til-qima ta' l-influwenza. Hija veduta superstizz-juża għall-problemi mediċi. Ġesù tkellem biss dwar id-demonji f'konvenjenza għall-injoranza u superstizzjoni popolari taż-żmien tagħhom. Hu argumentat li dawk ippossessati sofrew biss minn mard naturali.

**VII. B'dan il-mod, il-Christadelphians qegħdin isejħu lil Ġesù għalliem falz.**

2. Il-Christadelphians jakkużaw lil Ġesù bħala li qiegħed jippromwovi dak li huma jemmnu li hija dottrina falza pagana rigward il-personalità tax-xitan u tad-demonji. Il-Christadelphians jirr-iġettaw li l-Ispirtu s-Santu, ix-xitan u d-demonji huma kreaturi attwali personali. Pjuttost, huma nfushom jippromwovu t-tagħlim falz li l-Ispirtu s-Santu huwa l-personifikazzjoni tal-qawwa ta' Alla, li x-xitan huwa l-personifikazzjoni tad-dnub u li d-demonji huma l-personifikazzjoni tal-mard. Il-Christadelphians jemmnu li Ġesù jemmnu li Ġesù jaqbel magħhom f'din il-ħaġa. Għalhekk il-Christadelphians jgħidu dan li ġej dwar id-demonji: "Daimonion hija l-kelma wża-ta biex tiddeskrivi ċerti mard attribwit permezz tas-superstiżżjoni għal l-influwenza malinna ta' l-

hekk imsejħa spirti ta' eroj mejtin li jgħammru f'persuna. Il-Bibbja takkomoda l-lingwa taż-żminijiet, mingħajr ma tħaddan dan it-tagħlim pagan. "Tkeċċija tad-demonji" tissinjifika biss li tfejjaq il-mard." (The truth about Lucifer, G. E. Nabsfield, p. 16, vol. 41 num. 6). Aħna nsibu din il-veduta li twaġġa' daqs kemm hija ħażina. Il-Christadelphians qegħdin jakkużaw lill-Mulej tagħna u lil l-appostli Tiegħu bħala li qegħdin jipperpetwaw dottrina falza. Jekk qatt kien hemm prova lit-teorija tagħhom hija **wisq il-barra** mill-marka, dan hu sinjal maġġur. Ġesù ġie biex jeqred il-qerq, mhux biex jippromwo-vih u jipperpetwah. Il-Christadelphians jargu-mentaw ukoll li Ġesù uża dottrina falza pagana fl-istorja tar-raġel għani u Lażżru f'Luqa 16. Din hija dagħwa kbira minn tagħhom.

3. Xi kultant id-demonji kienu biċ-ċar il-kawża ta' mard fiżiku: Luqa 13:11; Mark 9:17, 25; Luqa 11:14.
4. Għandha tkun biss kreatura qawwija li tista' tagħmel xi wieħed minn dawn li ġejjin, il-mard ma jistax:
    a. Għarfu lil Ġesù bħala l-Iben ta' Alla u d-Divinità Tiegħu (Mattew 8:28; Mark 1:23-24; 3:11; 5:7; Luqa 4:41; 8:28; Atti 19:15).
    b. Għarfu lil Pawlu bħala l-qaddej ta' Alla (Atti 16:17).

c. Id-demonji huma spirti mniġġsa li jistgħu jirraġunaw (Mattew 12:43-45).
d. Huma kienu jafu dwar il-ġudizzju li kien ġej kontrihom (Mattew 8:29; Mark 1:24; 5:7; Luqa 4:34; 8:28, 31).
e. "Demonji jemmnu f'Alla u jitriegħdu" (Ġakbu 2:19 (Grieg: "jitriegħdu" letteralment: li "xagħaru qamlu xewk xewk")
f. Jekk sempliċiment marda, kif aħna nistgħu nikkunsidraw dwar ir-reazzjoni tal-merħla tal-qżieqeż? (Mark 5:13).
g. Kif tista' marda teżerċità qawwiet soprana-turali biex tkisser il-ktajjen u l-irbit (Mark 5:4).

5. Mard u possessjoni biċ-ċar huma murija bħala li huma diffferenti. Ara kemm il-Kelma t'Alla dan tagħmlu ċar:
   a. Mattew 4:24 – "*…u ġibulu lil dawk kollha li kienu morda li kellhom kull xorta ta' mard u ta' uġiegħ; u daawk li kellhom fihom id-demonju, u dawk li jagħtihom tal-qamar,u dawk li kienu paralitiċi; u fejjaqhom.*"
   b. Mattew 10:8 – "*Fejqu l-morda, naddfu l-imġiddmin, qajmu l-mejtin, keċċu d-demonji.*"
   c. Mattew 8:16 – "*Malli sar fil-għaxija, ġibulu ħafna li kellhom id-demonji: u keċċa b'kelmtu l-ispirti ħżiena, u fejjaq lil dak kollha li kienu morda.*"
   d. Mark 1:32-34 – "*…dawk kollha li kienu morda, u dawk li kellhom id-demonji….U*

*fejjaq ħafna li kienu morda b'ħafna mard, u keċċa ħafna demonji…*"

e. Mattew 10:1 – "*U meta sejjaħ ħdejh lit-tnax -il dixxiplu tiegħu, tagħom is-setgħa kontra l-ispirti mniġġsa, biex ikeċċuhom, u biex ifejqu kull nuqqas ta' saħħa, u kull mard.*"
f. Atti 8:7 – "*Għax spirti mniġġsa, igħajtu b'leħen qawwi, kienu joħorġu minn ħafna li kienu fihom: u ħafna mifluġin u zopop kienu mfejqa.*"
g. Atti 19:11-12 – "*U Alla għamel mirakli qawwija b'idejn Pawlu: Hekk li minn ġismu kienu jinġiebu għand il-morda mkatar jew fradal, u l-mard kien iħallihom, u l-ispirti ħżiena kienu joħorġu minnhom.*"

## VIII. Katalogu Ta' Possessjoni tad-Demonji fil-Bibbja.

1. Sawl kellu "spirtu ħażin minn Alla" u pprofetizza – 1 Samwel 16:14-16, 23; 18:10; 19:9.
2. "Leġjun" f'Gadarin – Mattew 8:28-34; Mark 5:1-20; Luqa 8:26-37.
3. Moħħu mhux sewwa (possibbilment b'tal-qamar) – Mattew 17:14-21; Mark 9:17-29; Luqa 9:37-42.
    a. Miġnun: Grieg: letteralmemnt "milqut b'tal-qamar
    b. L-antiki emmnu f'konnessjoni bejn fażijiet tal-qamar, divesi diżordnijiet mentali/fiżiċi u attività tad-demonju. (demonji jsiru attivi matur ċerti fażijiet tal-qamar.)

4. Demonijaku Imbikkem – Mattew 9:32-34.
5. Demonijaku agħma, u mutu, (imbikkem) – Mattew 12:22; Luqa 11:14.
6. Bint il-mara Kangħanija – Mattew 15:22-28; Mark 7:24-30
7. Demonijaku fis-sinagoga – Mark 1:23; Luqa 4:33-36.
8. Tifla lsiera Filippina – Atti 16:16-17.
9. Staqarrijiet ġenerali tax-xogħol ta' Ġesù – Mark 3:11; Luqa 6:18.

## IX. Kif id-Demonji Jeffettwaw lill-bnedmin

1. Mard fiżiku:
   a. Sinsla milwija, sklerosi – Luqa 13:11
   b. Mutu u trux – Mark 9:17, 25; Luqa 11:14.
   c. Agħma u mbikkem – Mattew 12:22.
2. Mark 5:1-20 jgħix f'ċimiterju u fil-muntanji, għarwien, kapaċi li jkisser l-irbit u l-ktajjen, igħajjat u jqatta' ġismu bil-ġebel.
3. Matter 17:14-18; Mark 9:17-18.
4. Ġesù akkużat li kellu demonju għaliex:
   a. Minħabba paranojja nnutata oħrajn kienu sejrin joqtluh – (Ġwanni 7:20).
   b. Ta' li għamel stqarrijiet irrazzjonali, mhux raġjunevoli – Ġwanni 8:48-52; 10:19-20.
   c. "Tilef moħħu" akkużawh il-familja Tiegħu – Mark 3:21 (Innota: huma ma tefugħx il-ħtija fuq demonju).
   d. Hu keċċa demonji oħra: (probabbilment xniegħa kattiva maħluqa minħabba l-għira) – Mattew 12:22-25.

5. Ġwanni l-Battista talli ma kienx jiekol jew jixrob – Luqa 7:33.
6. Abbiltà apparenti sopranaturali biex ibassar il-futur permezz tal-qari tax-xorti – Atti 16:18.
7. Predikar ta' dottrina falza u evanġelju differenti – Galatin 1:8; 1 Timotju 4:1-2; 2 Tessalonikin 2:8-12.

## X. Tkeċċija tad-Demonji

1. Il-ministeru ta' Ġesù li jkeċċi d-demonji:
   a. David wieħed jista' jħares lejh bħala li keċċa d-demonji minn Sawl – 1 Samwel 16:13-23.
   b. Ġesù, Bin David ukoll keċċa d-demonji bħala waħda mill-funzjonijiet tal-Messija.
   c. Profezija li "spirti mniġġsa" jkunu mkeċċija barra fiż-żmien tal-Messija "f'dak il-jum" – Żakkarija 13:2.
      i. "F'dak il-jum funtana tkun miftuħa gu n-nuqqas ta' safa" (demm ta' Ġesù).
      ii. "Jekk jiena nkeċċi d-demonji bis-saħħa ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-saltna ta' Alla" – Luqa 11:20.
   d. Ġesù ġie biex jeqred l-opri tax-xitan – 1 Ġwanni 3:8.
      i. Ġesù rabat lil Satana u nażża' d-dar tiegħu billi eżorċità d-demonji – Matttew 12:29.
      ii. Is-sebgħin keċċew demonji u Ġesù qal, "Jiena rajt lil Satana jaqa' bħal nberqa mis-sema" – Luqa 10:18.

iii. Din it-tkeċċija tad-demonji mis-sebgħin ġabet ferħ kbir lil Ġesù tant li Hu faħħar lil Alla – Luqa 10:19-20.
iv. Ġwanni 12:31 – "Il-ġudizzju qiegħed fuq din id-dinja u l-prinċep ta' din id-dinja issa se jkun imkeċċi."
v. Ġwanni 19:28 – Ġesù wettaq il-ħwejjeġ kollha li hu kien mibgħut biex jagħmel fuq l-art.

2. Il-Parabbola ta' bniedem ippossessat mill-ġdid – Mattew 12:43-45
3. Min aktar keċċa d-demonji barra minn Ġesù:
   a. It-tnax – Mark 6:33; Luqa 9:1
   b. Is-sebgħin – Luqa 10:17-20
   c. Dixxiplu mhux magħruf – Mark 9:38; Luqa 9:49
   d. Pawlu – Atti 16:16-18
4. Ħwejjeġ li ntqalu u kienu magħmula biex jitkeċċew id-demonji:
   a. "Oħroġ minnu dal-bniedem, ja spirtu mniġġes" – Mark 5:8). "Morru" – Mattew 8:32.
   b. "Ja spirtu mbikkem u trux, ngħidlek: Oħroġ minnu, u tidħolx iżjed fih" Ċanfira, sawm u talb – Mark 9:25, 29.
   c. "Ikunlek kif trid int" – Mattew 15:28.
   d. "Iskot, u oħroġ minnu" – Mark 1:25.
   e. "Nordnalek f'isem Ġesù Kristu biex toħroġ minnha!" – Atti 16:18.
   f. "Ikeċċi d-demonji f'ismek" – Luqa 9:49 (Nota: hawn għandna demonji u mhux xjaten, kif ikkwotajt diġa' f'dan l-istudju, xitan

*wieħed* hemm, u d-demonji huma l-aġenti jew il-messaġġiera tiegħu).

g. "Demonji suġġetti f'isemek" – Luqa 10:17.

5. Tkeċċija falza tad-demonji
   a. Għalliema foloz jaħsbu li huma jkeċċu d-demonji – Mattew 7:22.
   b. Seba' wlied ta' Xeva – Atti 19:13-16.

## XI. Possessjoni tad-Demonji M'Għandhiex Tkun Ta' Min Jibża' Minna Llum

1. Satana u d-demonji kienu marbuta minn Kristu – Salm 72:9; Mattew 12:29; Isaija 53:10 = Luqa 10:17
   a. "Hu nażża' l-prinċipati u s-setgħat, waqqagħhom għad-daħk quddiem id-dinja, billi ħareġ rebbieħ fuqhom fuq is-salib" – Kolossin 2:15.
   b. "Meta tala' fil-għoli, ħa fil-jasar il-jasar" – Efesin 4:8.
   c. Satana marbu għal elf sena" – Rivelazzjoni 20:1-6.
   d. Satana hu ljun (1 Pietru 5:8) marbu ma' arblu. Bla saħħa sakemm aħna ma nagħżlux li nidħlu fiċ-ċirku" tiegħu.
2. 1 Korintin 10:13
   a. "Ebda tiġrib ma ġie fuqkom ħlief dak li jiġi fuq kull bniedem"
   b. "Alla ma jħallix li into tiġġarrbu aktar milli tifilħu għalih."
3. "Ieqfulu x-xitan u hu jaħrab minnkom" – Ġakbu 4:7.

4. Possessjoni tad-demonju kienet imniżżla bħala wieħed mis-sinjali li l-appostli kellhom jagħmlu biex jikkonfermaw il-kitba tat-Testment il-Ġdid – Mark 16:16-18. Doni spiritwali waqfu mat-tlestija tal-Bibbja – 1 Korintin 13:8-10 madwar 100 W.K.
5. Billi Alla ma pprovdiex lilna b'aktar struzzjonijiet dwar kif inkeċċu d-demonji xejn ma hu meħtieġ illum jekk din il-fenomena għadha teżisti! Il-film "The Exorcist" huwa finzjoni jew invenzjoni pura bl'ebda bażi fil-Bibbja.

**XII. Xi nies reliġjużi juru eżempji moderni ta' possessjoni tad-demonji:**

1. Eżempji moderni ta' "posssessjoni tad-demonju" għandhom lid-demonju jidgħi, jisħet u jitkellem vulgaritajiet, (kif fil-film "The Exorcist" u l-eżempju tal-ħabs ta' taħt) madankollu, demonji tal-Bibbja tkellmu l-verità, b'dinjità, mingħajr oxxenitajiet verbali – "Jien naf int min int, il-Qaddis ta' Alla" – Mark 1:24; 3:11; 5:7.
2. Pentekostali jgħallmu li l-Kristjani jistgħu jsiru ppossessati mid-demonju madankollu ħaġa bħal din qatt ma ġrat fil-Bibbja. Din l-aktar stramba mid-dottrini foloz timplika lid-demonji huma aktar setgħana minn Kristu jgħammar fil-Kristjan (Efesin 3:7)
3. Il-Christadelphians juru l-film dokumentarju ta' xjenza, "The three faces of Eve" bħala prova li possessjoni tad-demonju hija sempliċiment "diżordni ta' personalità trippla". Din l-istorja vera fis-snin 1950 tgħid biex issegwi b'mod metiku-

luż (bir-reqqa) sezzjonijiet ta' psikjatrija ta' għoti ta' pariri ta' Eve White, li kienet taħseb ukoll li hija Even Black u t-tielet persuna msejħa "Jane." Il-film huwa maħsub li jkun eżempju ta' għajxien modern ta' l-istejjer tal-Bibbja fejn id-"demonju" jgħajjat lil Ġesù u Ġesù jitlob ismu. Wara li rajt id-dokumentarju, jiena kont konvint għalkollox li Eve White kienet f'ħajja reali, attriċi tajba, li wżat il-"marda" tagħha bħala metodu li taħrab minn żwieġ ħażin u l-qbid f'nassa li tkun mara tad-dar u omm li ma tinvolvix lilha nfisha. Ukoll jekk dan kien każ ġenwin ta' "diżordni multiplika ta' personalità" (marda li jiena personalment niddubità jekk teżistix fuq kollox ħlief bħala teorija fil-kotba tal-psikjatrija) Eve ma wrietx qawwiet u għarfien sopranaturali kif kellhom id-demonji tat-Testment il-Ġdid! Demonji tal-Bibbja bassru l-futur (Atti 16) kissru l-ktajjen u kienu mixħuta f'merħla ta' elfen qażquż (Mark 5).

4. Pentekostali spiss juru eżempji personali bħal dan ir-raġel li attwalment qarraq f'li jkun ippossessat minn demonju u daħak bil-ministru Pentekostali.

**Raġel li qarraq bħala li kien ippossessat mid-demonju ikkonvinċa lil kulħadd barra mill-istudent tal-Bibbja!**

*Miktub minn Ney Rieber, predikatur għall-Knisja ta' Kristu, kiteb dan fl-1995 dwar l-esperjenza per-*

*sonali tiegħu ma' raġel li qarraq li hu kien ippossessat minn demonju!*

Jiena kont qiegħed nagħmel xogħol tal-ħabs u kif dħalt fil-ħabs tas-sigurtà massima, jiena kont milqugħ mill-kappillan, "karizmatiku" fit-twemmin tiegħu, bl-avviż perikoluż, "Aħna għandna ħabsi ġdid fil-blokk taċ-ċelel N-2 li huwa ppossessat mid-demonju! Hu jaf ħwejjeġ li huwa impossibbli għalih li jkun jafhom b'xi mod ieħor!"

Naturalment jiena kont xettiku, billi jiena nemmen li possessjoni tad-demonju kienet stat temporanju mħolli minn Alla biex Ġesù juri s-setgħa ta' Alla kontra tiegħu.

Jiena għedt lill-kappillan li jiena kont se nżuru fiż-żjara tiegħi ta' filgħaxija u nara jekk dak kienx tassew. Eventwalment jiena għamilt iż-żjarat tiegħi u wasalt għall-blokk taċ-ċelel N-2. Hekk kif jiena dħalt fil-blokk taċ-ċella kont milqugħ b'salt kliem offensiv, kliem ħażin u dagħa u abbuż verbali li bħalu dan l-ex-GI qatt ma kien sema'. Jiena għażilt li ninjorah u mort għal l-ewwel ċella kif dejjem jien għamilt u tkellimt mal-priġunier li kien hemm fiha. Hu qalli li dak ir-raġel li kien qiegħed igħajjat kien ippossessat mid-demonju! Jiena komplejt nimxi fuq ir-rutina tiegħi, nissapporti l-kliem ħażin li kien qiegħed jintqal minn dak ir-raġel. Kif jiena komplejt inżur il-priġnieri l-oħra huma offrewli pariri u twissijiet, u ġeneralment urew li huma kienu konvinti li dak ir-raġel tabilħaqq ipossessat mid-demonju. Huma kollha kienu jidhru li ġenwinament kienu jibżgħu minnu. Qaluli kif hu ġiegħel lill-

kappillan jitlaq jiġri ’l barra kemm jiflaħ mill-blokk taċ-ċella minħabba l-kliem ħażin u offensiv u apparentament għarfien dwar il-passat tal-kappillan li kien ġej mid-demonju.

Kif jiena ersaqt aktar qrib għaċ-ċella tiegħu, hu beda jgħajjat u jgħid ħwejjeġ bħal, jiena nafek, Sur Ney Rieber. Int issuq Chevrolet ħamra. Int ġejt triq twila biex iżżur dan il-ħabs. Int għandek żewġt itfal ….u l-kumplament. Hu qal affarijiet li ħafna, ma’ l-ewwel impressjoni tista’ taħseb li huma ispirati minn Satana. Mogħti t-tqegħida u s-sitwazzjoni, jie-na kont nista’ nara kif ħaġa bħal din tkun l-imp-ressjoni ta’ wieħed ippossessat mid-demonju. Dak li jkun jista’ jaħseb li din kienet il-ħaġa reali. Dan kompla sakemm fl-aħħar jiena wasalt qrib iċ-ċella tiegħu.

[Żomm f’moħħok li dan kien ħabs ta’ sigurtà massima. Iċ-ċelel huma madwar 7 metri tul u żewġ metri wiesa’. Kull ċella fiha gradenza, friskatur, u xkaffa li tintuża bħala sodda, kollha ħadid u mwaħ-ħlin b’mod permenenti ma’ l-art u l-ħitan. Il-ħitan huma ħitan solidi, ebda strixxi tal-ħadid. Hemm twieqi żgħar imbarrati, 44 ċentimetru bi 30 ċenti-metru li jagħtu għall-bitħa tal-ħabs. L-uniku ftuħ ieħor huwa bieb solidu tal-ħadid li hu operat b’mod elettroniku. Madwar l-għoli tal-wiċċ, il-bieb għandu fetħa madwar 20 ċentimetru b’25 ċentimetru għall-priġunieri biex iħarsu ’l barra u għall-gwardjani biex jispezzjonaw lill-priġunier. Din il-fetħa hija mgħottija b’xibka ta’ l-azzar li inti tkun tista’ tgħad-di lapes minnha, imma dak kien l-

akbar ħaġa li wie-ħed jista' jgħaddi minnha. Madwar l-għoli tal-qadd, hemm fetħa oħra fil-bieb li tippermetti li tilar ta' l-ikel li jkun imżerżaq għal ġo ċ-ċella. Din għandha pjanċa ta' l-azzar biċ-ċappetti li tkun magħluqa b'serratura meta ma tkunx qed tintuża għal l-ikel.]

Jiena ħarist ġo ċ-ċella u hemm kien jinsab dan l-individwu bilqiegħda fuq l-art, liegħeb nieżel minn ma' rokna waħda ta' ħalqu, ħarsa f'għajnejh ta' bniedem mitluf bil-passjoni jew bl-emozzjoni. Meta rani fil-bieb, u żied fl-intensità ta' l-għajjat tiegħu, qam b'qabża waħda, u qabeż għal fuq il-bieb. Jiena ħarist lejh għal ftit mumenti, u bdejt nidħak bih. Hu werżaq u beda jgħajjat aktar minn qabel, jekk pos-sibbli. Hu beda jagħti bil-ponn mal-bieb u fil-fatt tasssew għamel frattarija. Jiena komplejt nidħak bih. Meta hu waqaf għal ftit biex jieħu nnifs, jiena għedtlu, "Wirja tajba." Kemm ilek tipprattikaha?"

Wieħed kellu jara l-ħarsa li kellu f'wiċċu f'dak il-ħin li jiena għedtlu hekk. Għal l-ewwel, sorpriż, imbagħad hu gerger ftit. Fl-aħħar hu nfaqa' jidħak. Imbagħad staqsa, "Kif int kont taf? Kif jiena ma stajtx inqarraq bik kif għamilt bl-oħrajn kollha?"

Jiena għedtlu, "Jiena nikteb lil nofs mill-irġiel ta' dan il-blokk taċ-ċelel għaliex huma jieħdu l-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza tiegħi. Huma jafu ħafna dwari għaliex jiena għedtilhom dwari. Int sempliċiment staqsejthom min ġie fil-blokk u mba-għad irripetejt lura l-informazzjoni lil kull min da-ħal ġewwa. Ma hemm xejn sopranaturali dwar dan.

Kien trikk tajjeb, imma int ma tistax tittrikkja lil Alla jew lil student ġenwin tal-Kelma ta' Alla! Imbagħad jiena għallimtu n-natura tad-demonji Bibliċi u kif hu kien 1900 sena tard wisq. Xi xhur wara, jiena għammidtu.

**XIII. Dottrina Falza Għanda l-Oriġini Tagħha Fid-Demonji**

1. Qima lil idoli:
   a. "Il-Ġentili jissagrifikaw ħwejjeġ lid-demonji u mhux lil Alla" – 1 Korintin 10:20.
   b. Spirti ta' gideb f'fomm il-profeti" – 2 Kronaki 18:21-22.
   c. In-nies ta' Ateni kienu jqimu lid-demonji kif huma qimu lil idoli – Atti 17:16-23.
   d. "U ma jissagrifikawx aktar lis-satiri" (alla b'widnejn ta' mogħża) – Levitku 17:7.
   e. "Huma ssagrifikaw lid-demonji li ma kinux Alla" – Dewteronomju 32:17.
   f. "Huma saħansitra ssagrifikaw lil uliedhom subjien u bniet lid-demonji" – Salm 106:37.
   g. "Huma ma nidmux biex ma jkomplux iqimu d-demonji u l-idoli" – Rivelazzjoni 9:20.
   h. "tliet spirti mniġġsin qishom żrinġijiet, għax dawn huma spirti tad-demonji" – Rivelazzjoni 16:13-14
   i. "…iġġarfet Babilonja l-Kbira, u saret għamara tad-demonji" – Rivelazzjoni 18:2.
2. Denominazzjonaliżmu tal-knisja:
   a. "Giddieba ipokreti, b'kuxjenza immarkata b'ħadida mikwija, jaqgħu mill-fidi billi jagu

widen għal spirti u dottrini qarrieqa tad-demonji" – 1 Timotju 4:1-2.

b. "Ukoll jekk aħna, jew anġlu mis-sema jippriedka evanġelju ieħor differenti, ħa jkun misħut" – Galatin 1:8.

## GĦEXU L-ANĠLI FLIMKIEN BĦALA MIŻŻEWĠIN MA' NISA?

### Ġenesi 6:2
### (Id-disa' parti)

(1) ***L-Iskrittura***. *"Illi wlied Alla raw li l-bniet tal-bnedmin huma sbieħ, u ħadu nisa għalihom minn dawk kollha li għażlu minnhom."*

Dan it-test kien ġie interpretat minn xi wħud li jgħid illi "wlied ta' Alla" kienu anġli li żżewġu lill-bnedmin.

(2) *Il-problema*. Min huma "l-ulied ta' Alla"? Il-frażi attwali "ulied ta' Alla" (*bene elohim*), hija wżata biss fi tliet postijiet oħra, kollha f'Ġob (1:6; 2:1; 38:7), u bla dubju, jsostnu xi wħud, jirriferu għal anġli, mist-ħajjel li waqgħu, għexu flimkien mal-bniet tal-bned-min, ipproduċew il-ġganti (*Nefilim*) imsemmija f'vers 4. Alla ra li din ir-razza ġdida ta' nies kienet tant ħażina li għandu jeqridhom minn fuq wiċċ l-art.

(3) *Konfutazzjoni ta' din l-interpretazzjoni*.

(a) *Argument mill-kuntest immedjat*. Wara l-mewt ta' Abel, it-test isegwi l-linji ta' Kajjin u Set. Jekk is-suġġett hawn jinbidel għal l-anġli (li waqgħu jew oħrajn), dan sar bla ebda twissija jew kontinwità.

(Anġli ma kinux imsemmija sa dan il-punt fil-Bibbja. Jidher li ma hemmx raġuni eseġika biex iġġibhom f'din is-silta). Jekk dan ikompli jsegwi l-linji tagħhom, huwa loġiku u jpoġġi pedament dwar għaliex id-dillu-vju kien meħtieġ (iż-żewġ linji ngħaqdu u saru ħżie-na), Id-*deġenerazzjoni* tal-linja ta' Kajjin kienet ittraċ-jata (kap. 4). Xejn ħlief tajjeb, iżda, ma kien intqal sa hawn dwar ir-razza ta' Set (4:26; 5:22, 24, 29). Li din ir-razza devota kienu huma nfushom im-daħħla fid-deġenerazzjoni li kienet laħqet il-bqija ta' l-umanità huwa muri hawn għall-ewwel darba. Dan hu neċessar-ju biex nispjegaw għaliex *ir-razza kollha* tal-bnedmin bl-eċċezzjoni ta' familja waħda, kellha tkun ikkundan-nata.

(b) *Argument mill-kuntest Bibliku*. Kif jista' "ulied Alla" hawn tirriferi għall-anġli, billi dawk inkonsider-azzjoni kienu qegħdin jiksru r-rieda ta' Alla u jikkaw-żaw il-qirda ta' l-umanità? Dan bil-kemm joqgħod fl-applikazzjoni ġenerali Biblika ta' terminoloġija bħal din. Ukoll, *imkien* fl-Iskrittura relazzjonijiet sesswali ma huma attribwiti għall-kreaturi superjuri. Ma hemm *ebda* regola jew ordni fl-Iskrittura kollha dwar żwieġ ta' l-anġli, ladarba dan mhuwiex possibbli. Is-silta li dwarha qegħdin nitkellmu ma kinetx interpretata li tgħid dawn "l-anġli—wlied ta' Alla" ikkommettew *fornikazzjoni* (żina) ma' nisa umani, imma pjuttost li huma kienu ssoponuti li *jiżżewġuhom*. Ġesù wera b'implikazzjoni li "l-anġli la jiżżewġu, u lanqas ma jingħataw għaż-żwieġ" (Mattew 22:30). Ċertament li Ġesù kien jaf x'kien qiegħed jgħid.

(ċ) *Argument mill-kastig ta' Alla*. Jekk Alla ikkastiga l-ulied tal-"missirijiet-anġli" għaliex huma kkawż-aw il-ħażen tad-dinja ta' qabel id-dilluvju, wieħed jistenna titjieb wara d-dilluvju. Madankollu, ħaġa bħal din ma ġratx. Alla jfisser il-ħażen wara d-dilluvju (Ġenesi 8:21) kważi bl-istess termini li Hu kien uża qabel id-dilluvju (Ġenesi 6:5). Innota wkoll illi l-*bniedem* huwa kkundannat għall-ħażen u mhux l-anġli***. Mhix ħaġa stramba li dinbu l-anġli iżda kien il-bniedem li rċieva l-kastig***? Meta Satana għamel il-ħażen fuq l-art huwa rċieva l-pronunzja tal-kastig (Ġenesi 3:14-15). Għaliex mhux dawn "l-anġli" wkoll? Huwa msemmi partikolarment li Alla kien qiegħed jikkastiga "l-bniedem li ħlaqt" (Ġenesi 6:7), mhux lil l-ulied ta' l-anġli u nisa. Għaliex Alla kien se jeqred lill-bnedmin *kollha* (barra minn familja waħda) jekk sempliċiment grupp magħżul (ġganti jew anġli u nisa sbieħ) kienu l-uniċi midinbin? Il-fatt li kien hemm kastig universali jindika li l-ħażen kien ir-regola tal-ħajja u mhux ipprattikat sempliċiment minn xi wħud. Fl-aħħar, jekk l-"ulied ta' Alla" kienu anġli, għalfejn jibgħat dilluvju? ***Kif wieħed jista' jgħarraq anġlu***?

(d) *Argument minn vers 4*. Ġganti jew Nefilim kienu diġa' fuq l-art "f'dawk iż-żminijiet," jiġifieri, meta "wlied Alla daħlu għand il-bniet tal-bnedmin" (vers 4). ("Il-bniet tal-bnedmin" huma l-bniet tal-bnedmin inġenerali). Dawn ma kinux in-nisel jew l-ulied ta' l-għaqda tagħhom imma kienu diġa fuq l-art meta ż-żwieġ flimkien beda! It-traduzzjoni Ingliża tar-Re Ġakbu (King James Version) kienet influwenzata mis-

‘Septuagint’ (l-ewwel verżjoni tat-Testment il-Qadim mil-Lhudi għall-Grieg) li ttraduċiet “Efilim” bħala “ġganti.” Il-kelma hija wżata hawn biss u f’Numri 13: 33. Din hija mill-għerq *naphal* u tfisser li “taqa’ fuq jew tattakka.” L-idea hija li “attakkanti” kienu diġa fuq l-art u l-ħażen żdied meta d-dixxendenti ta’ Kajjin bdew jiżżewġu lid-dixxendenti ta’ Set. Dan hu għaliex Alla kellu jġib il-kastig—kulħadd kien ħażin. Għaż-żwiġijiet, *nies* “kbar” (mhux ġganti lanqas Nefilim) kienu mwielda. “Kbar” tfisser li huma kienu ta’ reputazzjoni kbira, nies dominanti politikament, nies ta’ isem. (ara Ġenesi 10:8). Mela ma hemm ebda piż għall-argument li “wlied Alla” kellhom ikunu anġli billi l-ulied tagħhom kienu ġganti. Dik il-konklużjoni hija r-riżultat ta’ għaqda għaqlija ta’ versi u traduzzjoni ħażina!

(4) *Konklużjoni*.

(a) L-aħjar spjega ta’ Ġenesi 6:2 hija li “wlied Alla” kienu dawk in-nies tajba li kienu dixxendenti ta’ Set u li bdew jiżżewġu lill-“bniet tal-bnedmin” li kienu d-dixxendenti tal-linja ħażina ta’ Kajjin. Dan jispjega kif il-linja tajba ta’ Set saret tant ħażina li Alla fl-aħħar kellu jikkastiga lill-bnedmin kolha. Din it-tendenza kienet irripetuta aktar tard fl-istorja ta’ Israel minn żmien għal żmien u rriżultat fl-għadab ta’ Alla, dak iż-żmien, ukoll (Numri 25; Imħa-llfin 3:5-8; 1 Slaten 11:1-11; 16:29-33).

(b) “*Ulied Alla*.” L-Iskrittura tagħmel distinzjoni bejn dawk li jobdu l-Kelma ta’ Alla u dawk li ma jobduhiex. L-Iskrittura ssejjaħ lil dawk li jobdu l-Kelma ta’ Alla bħala “ulied Alla,” u dawn huma *bnedmin*

u mhux anġli. Eżempju ta' dan insibuh f'bosta siltiet imma jiena sejjer nikkwota tnejn minn dawn li għandhom ikunu biżżejjed għalina.

(1) Ġwanni 1:12:

> "*Iżda lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, lil dawk li jemmnu f'ismu.*"

Ċertament li ħadd ma jsostni li dawk kollha li laqgħuh Alla tahom is-setgħa li jsiru "anġli."

(2) U kif insiru "wlied Alla"? L-Iskrittura tgħidilna b'mod l-aktar ċar fejn naqraw f'Galatin 3:26-27:

> "*Għax intom ilkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu*" (ara wkoll Rumani 8:14-21).

Mela, f'dan is-sens għandna nifhmu dak li naqraw f'Ġenesi 6:2. Alla qiegħed jiddistingwi bejn dawk li huma Tiegħu bħala "wlied Alla" u dawk li mhumiex Tiegħu bħala "l-bniet tal-bnedmin."

Fi Ġwanni 8:44, Ġesù sejjaħ lil l-Iskribi u l-Fariżej bħala "wlied ix-xitan," fejn naqraw dan il-kliem:

> "*Intom ulied missierkom ix-xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu ….*"

Ifisser dan li l-iskribi u l-Fariżej kienu xjaten? Hekk ukoll "ulied Alla" li naqraw dwarhom f'Ġenesi 6:2 mhumiex anġli iżda huma dawk id-dixxendenti ta' Set li tħalltu mad-dixxendenti ta' Kajjin u kkommettew iż-żina.

Aħna għandna nwarrbu fil-ġenb il-mitoloġija pagana dwar l-għaqda ta' kreaturi sopranaturali ma' nisa mortali, u nifhmu li ż-żewġ partijiet kienu tar-razza umana. Il-familja ta' Set, li ppriservat il-fidi tagħha f'Alla, u l-familja ta' Kajjin, li għexu biss għal din id-dinja, sal-lum għadhom distinti; imma issa sar taħlit taż-żewġ razez li rriżulta fil-korruzzjoni sħiħa tar-razza ta' Set, li billi waqgħu għaddsew fl-aktar abbiss fond ta' ħażen.

Kif diġa rajna, jintqal ukoll li din l-għaqda pproduċiet grupp magħruf għas-saħħa fiżika u kuraġġ; u dan hu riżultat magħruf tajjeb ta' taħlit flimkien ta' razez differenti. Hawn huwa żball ta' spiss li tħallat dawn "nies qawwija ta' l-antik, nies ta' fama kbira," mal-ġganti (Lhudi *Nefilim*), li minnhom dawn espressament huma distinti. Ġenesi 6:4. Kif diġa rajna, il-kelma *Nefilim* hija wżata f'silta oħra biss (Numri 13:33) bħala l-isem ta' tribù Kagħnanin; u billi dawn kienu nies ta' statura kbira, l-LLX. għamel in-Nefilin taż-żmien ta' Noè ġganti wkoll. Imma l-kelma nfisha m'għandha ebda tifsira bħal din. Din tissinifika jew *dawk li waqgħu*, jew dawk li *jaqgħu fuq oħrajn*, apostati jew nies ta' vjolenza; u aħna ma nistgħux inkunu żbaljati li nemmnu lin-*Nefilim* kienu t-tnejn.

Fuq kollox, jidher lid-dinja ta' qabel id-dilluvju kienet laħqet livell iddisprat ta' ħażen, l-għola parti tiegħu kienet miksuba bit-taħlita taż-żewġ razez. Il-fatturi mmarkati ta' dan il-ħażen kienu żina u żebliħ brutali. L-istampa tal-biża ta' depravità, taħsir morali murija minn Pietru u Ġuda biċ-ċar tirriferi għaż-żmien ta' qabel id-dilluvju bħala mudell tal-ħażen ta' l-aħħar

jiem li għandhom jerġgħu jagħmlu d-dinja misjura għall-qerda (ara 2 Pietru 2:3; Ġuda 14, 15).

> "*Mil-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan*" (Efesin 6:10-11).

**Għal aktar informazzjoni ikteb lil:**

Knisja ta' Kristu,
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida, MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
Website: www.churchofchristmalta.com